Nru./No. 19,097
Prezz/Price
€5.04

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

It-Tlieta, 11 ta' Ġunju, 2013
Tuesday, 11th June, 2013

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Notifikazzjonijiet tal-Gvern ..... 7813 - 7851
Government Notices ..... *7813 - 7851*

Opportunitajiet ta' Impieg ..... 7851 - 7865
Employment Opportunities ..... *7851 - 7865*

Avviżi tal-Gvern ..... 7866 - 7868
Notices ..... *7866 - 7868*

Offerti ..... 7868 - 7906
Tenders ..... *7866 - 7906*

Avviżi tal-Qorti ..... 7906 - 7920
Court Notices ..... *7906 - 7920*

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 493

AVVIŻI LEGALI PPUBBLIKATI FIS-SUPPLIMENT MAL-GAZZETTA TAL-GVERN

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Avviżi Legali li ġejjin ġew ippubblikati fis-Suppliment mal-Gazzetta tal-Gvern Nri. 19,095 u 19,096 tal-4 u s-6 ta' Ġunju, 2013, rispettivament.

A.L. Nru. 153 tal-2013: *Merchant Shipping Act (Cap. 234); Merchant Shipping (Training and Certification) Regulations, 2013*.

A.L. Nru. 154 tal-2013: Att dwar l-Unjoni Ewropea (Kap. 460); Ordni tal-2013 dwar il-Protokoll dwar it-Tħassib tal-Poplu Irlandiż dwar it-Trattat ta' Lisbona.

A.L. Nru. 155 tal-2013: Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika (Kap. 497); Regolamenti tal-2013 dwar Bord tal-Appelli dwar l-Akkwist ta' Enerġija u Karburanti.

Il-11 ta' Ġunju, 2013

GOVERNMENT NOTICES

No. 493

LEGAL NOTICES PUBLISHED IN THE SUPPLEMENT TO THE GOVERNMENT GAZETTE

IT is notified for general information that the following Legal Notices were published in the Supplement to the Government Gazette Nos. 19,095 and 19,096 of the 4th and the 6th June, 2013, respectively.

L.N. No. 153 of 2013: Merchant Shipping Act (Cap. 234); Merchant Shipping (Training and Certification) Regulations, 2013.

L.N. No. 154 of 2013: European Union Act (Cap. 460); Protocol on the Concerns of the Irish People on the Treaty of Lisbon Order, 2013.

L.N. No. 152 of 2013: Public Administration Act (Cap. 497); Procurement (Energy and Fuels) Appeals Board Regulations, 2013.

11th June, 2013

Nru. 494

KOSTITUZZJONI TA' MALTA

Delega ta' Ċerti Setgħat fir-Rigward tas-Servizz Pubbliku

MILL-ONOREVOLI Dott. Joseph Muscat, K.U.O.M., B.Com, B.A. (Hons), M.A. (European Studies), Ph.D. (Bristol), M.P., Prim Ministru

BILLI artikolu 110 tal-Kostituzzjoni ta' Malta jipprovdi biex il-Prim Ministru, li jaġixxi fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, ikollu f'idejh is-setgħa li jagħmel ħatriet għall-karigi uffiċjali u li jneħħi persuni li jkollhom jew ikunu jaġixxu f'xi karigi bħal dawk;

U BILLI huwa pprovdut ukoll fl-imsemmi artikolu li l-Prim Ministru, li jaġixxi fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, jista' jiddelega bil-miktub kwalunkwe setgħa minn dawk hawn fuq imsemmija lil dak l-uffiċjal pubbliku jew lil xi awtorità oħra kif jistgħu jkunu speċifikati fid-Dokument ta' Delega;

U BILLI bid-Dokument ta' Delega tal-25 ta' Jannar, 1966, il-Prim Ministru, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, iddelega ċerti setgħat fir-rigward tal-Korp tal-Pulizija lill-Kummissarju tal-Pulizija;

No. 494

THE CONSTITUTION OF MALTA

Delegation of Certain Powers Respecting the Public Service

BY the Honourable Dr Joseph Muscat, K.U.O.M., B.Com, B.A. (Hons), M.A. (European Studies), Ph.D. (Bristol), M.P., Prime Minister

WHEREAS article 110 of the Constitution of Malta provides that power to make appointments to public offices and to remove persons holding or acting in any such offices shall vest in the Prime Minister, acting on the recommendation of the Public Service Commission;

AND WHEREAS it is further provided in the same article that the Prime Minister, acting on the recommendation of the Public Service Commission, may delegate in writing any of the aforementioned powers to such public officer or other authority as may be specified in the Instrument of Delegation;

AND WHEREAS by Instrument of Delegation dated 25th January, 1966, the Prime Minister, acting on the recommendation of the Public Service Commission, delegated certain powers in respect of the Malta Police Force to the Commissioner of Police;

U BILLI bid-Dokument tal-20 ta' Frar, 1970, il-Prim Ministru, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, iddelega lis-Segretarju Amministrattiv ċerti poteri fir-rigward ta' ħatriet fis-Servizz Pubbliku fuq bażi ta' riżultati ta' eżamijiet pubbliċi li saru taħt l-awspiċji tal-Bord tal-Eżamijiet Lokali;

AND WHEREAS by Instrument dated 20th February, 1970, the Prime Minister, acting on the recommendation of the Public Service Commission, delegated to the then Administrative Secretary certain powers respecting appointments in the Public Service on the basis of the results of public examinations conducted by the Board of Local Examinations;

U BILLI bid-Dokumenti tas-6 ta' Ottubru, 1999, u l-11 ta' Jannar, 2005, il-Prim Ministru, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, iddelega lis-Segretarji Permanenti s-setgħa li jagħmlu ħatriet fuq kuntratt definit ta' Sostituti Każwali u li jġeddu l-ħatriet tagħhom, soġġett għal ċerti kundizzjonijiet;

AND WHEREAS by Instruments dated 6th October, 1999, and 11th January, 2005, the Prime Minister, acting on the recommendation of the Public Service Commission, delegated to Permanent Secretaries the power to make engagements on definite contract of Casual Substitutes and to renew their engagement, subject to certain conditions;

U BILLI bid-Dokument tat-18 ta' Jannar 2000, il-Prim Ministru, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, iddelega lis-Segretarju Permanenti fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru s-setgħa li jagħmel ħatriet għal postijiet fi Skala ta' Salarju 20 fis-Servizz Pubbliku, sakemm dawn il-ħatriet isiru skont il-paragrafu (ċ) tas-sub-artikolu (2) tal-artikolu 110 tal-Kostituzzjoni;

AND WHEREAS by Instrument dated 18th January, 2000, the Prime Minister, acting on the recommendation of the Public Service Commission, delegated to the then Permanent Secretary at the Office of the Prime Minister the power to make appointments to posts in Salary Scale 20 in the Public Service, provided that such appointments are made in accordance with paragraph (c) of sub-article (2) of article 110 of the Constitution;

U BILLI bid-Dokument tal-4 ta'April, 2009, il-Prim Ministru, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, iddelega lis-Segretarji Permanenti s-setgħa li jaħtru persuni rtirati/uffiċjali rtirati sal-età ta' 65 sena fuq kuntratt definit għal mhux iktar minn 42 xahar, f'oqsma ta' nuqqas akut kif deċiż mis-Segretarju Permanenti Ewlieni;

AND WHEREAS by Instrument dated 4th April, 2009, the Prime Minister, acting on the recommendation of the Public Service Commission, delegated to Permanent Secretaries the power to engage/re-engage retired persons/ retired officers up to the age of 65 years on definite contract for not more than 42 months, in areas of acute shortage as decided upon by the Principal Permanent Secretary;

U BILLI bid-Dokument tas-26 ta' Ġunju 2012, il-Prim Ministru, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, iddelega lis-Segretarju Permanenti inkarigat bil-Ministeru responsabbli għall-Edukazzjoni l-poter li jagħmel ħatriet ta' "Edukaturi Adulti", u li jġedded il-ħatriet tagħhom;

AND WHEREAS by Instrument dated 26th June, 2012, the Prime Minister, acting on the recommendation of the Public Service Commission, delegated to the Permanent Secretary charged with the Ministry responsible for Education the power to make engagements of 'Adult Educators', and to renew their engagement;

U BILLI bid-Dokument tas-26 ta' Ġunju 2012, il-Prim Ministru, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, iddelega lis-Segretarju Permanenti inkarigat bil-Ministeru responsabbli għall-Edukazzjoni l-poter li jagħmel ħatriet ta' "*On call Supply Learning Support Assistants*" u ta' "*On call Supply Kindergarten Assistants*", u li jġedded il-ħatriet tagħhom;

AND WHEREAS by Instrument dated 26th June, 2012, the Prime Minister, acting on the recommendation of the Public Service Commission, delegated to the Permanent Secretary charged with the Ministry responsible for Education the power to make engagements of 'On call Supply Learning Support Assistants' and 'On call Supply Kindergarten Assistants', and to renew their engagement;

U BILLI bid-Dokument tat-3 ta' Mejju 2013, il-Prim Ministru, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, iddelega lis-Segretarji Permanenti l-poter li jirreklutaw persuni b'diżabbiltà fis-Servizz Pubbliku fi Skali ta' Salarju 16 sa 20 (iż-żewġ skali inklużi) direttament mill-reġistru ta' nies b'diżabilità qiegħda li jinżamm mill-Korporazzjoni tax-Xogħol u Taħriġ (ETC), wara proċess ta' għażla mid-dipartiment li qed jagħmel ir-reklutaġġ fost kandidati potenzjali riferuti lid-dipartiment mill-ETC fuq

AND WHEREAS by Instrument dated 3rd May 2013, the Prime Minister, acting on the recommendation of the Public Service Commission, delegated to Permanent Secretaries the power to recruit disabled persons in the Public Service in Salary Scales 16 – 20 (both scales included) directly from the register of disabled unemployed kept by the Employment and Training Corporation (ETC), following a selection process carried out by the recruiting department amongst potential candidates referred to the department by the ETC

il-bażi li, fil-fehma tal-ETC, dawn jistgħu jiġu kkunsidrati xierqa biex iwettqu d-dmirijiet essenzjali, tal-kariga li trid timtela, minkejja li dawn il-kandidati mhux bilfors ikunu fil-pussess tar-rekwiżiti tal-eliġibbiltà normalment meħtieġa għal dik il-kariga, u sakemm li l-kapaċità ta' tali kandidati biex iwettqu d-dmirijiet essenzjali ta' dik il-kariga, tkun ippruvata permezz ta' eżami tad-dħul jew test ta' kompetenza;

on the grounds that, in the ETC's judgement, they may be considered suitable to perform the duties, in essence, of the office to be filled, notwithstanding that such candidates may not necessarily be in possession of the eligibility requisites normally required for that office, and provided that the ability of such candidates to perform the duties, in essence, of that office, is proven through an entry examination or test of competence;

U BILLI l-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku rrakkomandat li, bla ħsara għad-Dokumenti ta' Delega hawn fuq imsemmija, is-setgħa ta' għemil ta' kwalunkwe ħatra għal kariga uffiċjali fi Skali ta' Salarji 6 sa 20 (iż-żewġ skali inklużi), inkluż -

AND WHEREAS the Public Service Commission has recommended that, without prejudice to the aforementioned Instruments of Delegation, power to make any appointments to public offices in Salary Scales 6 to 20 (both scales included), including –

(i) ħatriet wara sejħa għall-applikazzjonijiet;

(i) appointments following a call for applications;

(ii) ħatriet fuq talba diretta minn Segretarju Permanenti lill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, sakemm it-talba tkun approvata mis-Segretarju Permanenti Ewlieni u l-ħatra tkun meqjusa mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku li hi ġġustifikata fl-interess pubbliku;

(ii) appointments upon a direct request by a Permanent Secretary to the Public Service Commission, provided that such a request is endorsed by the Principal Permanent Secretary and the appointment is considered by the Public Service Commission to be justified in the public interest;

(iii) ħatriet għal perjodu indefinit kif ukoll ħatriet fuq il-bażi ta' kuntratt definit;

(iii) both indefinite appointments and appointments on the basis of a definite contract;

(iv) promozzjonijiet wara numru ta' snin ta' servizz sodisfaċenti jew wara l-kisba ta' kwalifika partikolari, fejn promozzjonijiet bħal dawn huma skont ftehim li jirregola karriera partikolari fis-Servizz Pubbliku, jew skont id-dispożizzjonijiet tas-sejħa għall-applikazzjonijiet li taħtha l-uffiċjali pubbliċi in kwistjoni ġew maħtura;

(iv) promotions following the attainment of a number of years of satisfactory service or the attainment of a particular qualification, where such promotions are provided for in an agreement governing a particular career stream in the Public Service, or in the call for applications under which the public officers in question have been appointed;

(v) it-tiġdid tal-kuntratti ta' impjieg definit, fejn dan it-tiġdid huwa ġustifikat u meħtieġ;

(v) the renewal of definite contracts of employment, where such renewal is warranted;

(vi) bidla fl-istatus tal-impjieg ta' uffiċjali pubbliċi minn wieħed fuq bażi definita għal wieħed fuq bażi indefinita, skont id-dispożizzjonijiet tal-liġi jew ta' ftehim li jkun approvat mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku;

(vi) changes in the employment status of public officers from one on a definite basis to one on an indefinite basis, in accordance with the provisions of the law or of an agreement which is approved by the Public Service Commission;

(vii) it-titjib tal-istatus indefinit ta' uffiċjali pubbliċi wara numru ta' snin ta' servizz sodisfaċenti jew wara l-kisba ta' kwalifika partikolari, meta tali titjib ikun skont id-dispożizzjonijiet tas-sejħa għall-applikazzjonijiet li taħtha jkunu ġew maħtura l-uffiċjali pubbliċi in kwistjoni;

(vii) the upgrading of the indefinite status of public officers following the attainment of a number of years' satisfactory service or the attainment of a particular qualification, when such upgrading is provided for a priori in the call for applications under which the public officers in question have been appointed;

(viii) l-assimilazzjoni ta' uffiċjali pubbliċi minn grad għall-ieħor skont id-dispożizzjonijiet ta' ftehim li jirregola karriera partikolari fis-Servizz Pubbliku;

(viii) the assimilation of public officers from one grade to another grade in terms of the provisions of an agreement governing a particular career stream in the Public Service;

(ix) il-bidla fin-nomenklatura jew it-titolu ta' uffiċjali pubbliċi, fejn tali nomenklatura jew titolu jirriżulta minn ħatra skont l-artikolu 110 tal-Kostituzzjoni;

(ix) changes to the nomenclature or designation of public officers, where such nomenclature or designation derives from an appointment under article 110 of the Constitution;

(x) l-impjieg mill-ġdid ta' persuni li fil-passat kienu uffiċjali pubbliċi, fejn tali impjieg mill-ġdid huwa, fl-opinjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, ġustifikat għal raġunijiet umanitarji serji jew għal raġunijiet ta' politika pubblika; u

(x) the re-employment of former public officers, where such re-employment is, in the opinion of the Public Service Commission, justified on grave humanitarian grounds or on grounds of public policy; and

(xi) ir-*re-instatement* ta' uffiċjali pubbliċi li kienu *medically boarded out*, f'dawk iċ-ċirkostanzi u suġġett għal dawk il-kondizzjonijiet li l-Kummissjoni jidhrilha xierqa, għandha tiġi ddelegata lill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku;

(xi) the re-instatement of public officers who were medically boarded out, in such circumstances and subject to such conditions as the Commission may deem appropriate,should be delegated to the Public Service Commission;

U BILLI l-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku rrakkomandat li s-setgħa li jiġu posposti ħatriet fi Skali ta' Salarji 6 sa 20 (iż-żewġ skali inklużi) għal aktar minn tnax-il ġimgħa mid-data effettiva tagħhom għandha tiġi ddelegata lill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, filwaqt li l-Kapijiet tad-Dipartimenti għandhom ikomplu jeżerċitaw is-setgħa li japprovaw dewmien għal perjodi inqas sabiex uffiċjali li ntgħażlu għal ħatra jassumu r-risponsabbiltajiet ta' dik il-ħatra;

AND WHEREAS the Public Service Commission has recommended that power to postpone appointments in Salary Scales 6 to 20 (both scales included) for more than twelve weeks from the effective date thereof should be delegated to the Public Service Commission, while power to delay appointments for a lesser period should continue to be exercisable by Heads of Department;

U BILLI l-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku rrakkomandat li s-setgħa li tirrevoka ħatriet fi Skali ta' Salarji 6 sa 20 (iż-żewġ skali inklużi) skont is-sub-regolament (2) tar-regolament 23 tar-Regolamenti tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, jew kwalunkwe dispożizzjoni simili ta' xi regolamenti li jistgħu jissostitwixxu r-Regolamenti msemmija, għandha tiġi ddelegata lill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku;

AND WHEREAS the Public Service Commission has recommended that power to revoke appointments in Salary Scales 6 to 20 (both scales included) in terms of sub-regulation (2) of regulation 23 of the Public Service Commission Regulations, or any like provision of any regulations which may supersede the said Regulations, should be delegated to the Public Service Commission;

U BILLI l-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku rrakkomandat li s-setgħa li tinżamm il-progressjoni ta' uffiċjali pubbliċi fi Skali ta' Salarju 6 sa 20 (iż-żewġ skali inklużi) għal skala ta' salarju ogħla fl-istess grad, fejn dan ikun iġġustifikat minħabba prestazzjoni fqira, imġiba ħażina jew raġunijiet oħra, għandha tiġi ddelegata lill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, u li delega bħal din m'għandhiex tkopri ż-żamma ta' progressjoni għal Skala 5;

AND WHEREAS the Public Service Commission has recommended that power to withhold the progression of public officers in Salary Scales 6 to 20 (both scales included) to a higher salary scale within the same grade, where justified on account of poor performance, misconduct or other reasons, should be delegated to the Public Service Commission, and that such delegation should not cover the withholding of progression to Scale 5;

U BILLI l-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku rrakkomandat li għandu jkollha s-setgħa li tagħmel, tipposponi jew tirrevoka ħatriet jew li żżomm progressjonijiet taħt dan id-Dokument ta' Delega mingħajr il-ħtieġa li tissottometti rakkomandazzjonijiet, skont kif huwa permess fil-paragrafu (b) tas-sub-artikolu (2) tal-artikolu 110 tal-Kostituzzjoni;

AND WHEREAS the Public Service Commission has recommended that it should be empowered to make, postpone or revoke appointments or to withhold progressions under this Instrument of Delegation without the requirement to submit recommendations thereon, as is permitted by paragraph (b) of subarticle (2) of article 110 of the Constitution;

U BILLI l-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku rrakkomandat li l-imsemmija setgħat biex tagħmel, tipposponi u tirrevoka ħatriet u biex iżomm il-progressjoni għandhom ikunu eżerċitati skont il-kundizzjonijiet li ġejjin:

AND WHEREAS the Public Service Commission has recommended that the aforesaid powers to make, postpone and revoke appointments and to withhold progressions should be exercisable subject to the following conditions:

(i) suġġett għal dawk l-arranġamenti li tista' tagħmel il-Kummissjoni taħt ir-regolament 4 tar-Regolamenti tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, jew kwalunkwe dispożizzjoni simili ta' regolamenti li jistgħu jissostitwixxu

(i) subject to any arrangements made by the Commission under regulation 4 of the PSC Regulations, or any like provision of any regulations which may supersede the said Regulations, the decision of the Commission to

r-Regolamenti msemmija, id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tagħmel, tipposponi jew tirrevoka ħatra jew li żżomm il-progressjoni ta' uffiċjal pubbliku, kif irrekordjat fil-minuti tal-Kummissjoni, għandha tikkostitwixxi l-awtorità għall-imsemmija azzjoni;

(ii) l-imsemmija ħatra, posponiment, revoka, jew żamma ta' progressjoni għandha tkun effettiva mid-data ta' meta tiġi kkomunikata mis-Segretarju Eżekuttiv, jew uffiċjal ieħor awtorizzat li jaġixxi f'ismu, lis-Segretarju Permanenti tal-ministeru relevanti, sakemm il-Kummissjoni ma tispeċifikax data differenti fid-deċiżjoni tagħha;

(iii) hekk kif ikun infurmat bid-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tagħmel, tipposponi jew tirrevoka ħatra jew li żżomm il-progressjoni ta' uffiċjal pubbliku, is-Segretarju Permanenti għandu jieħu azzjoni minnufih sabiex jattwa dik id-deċiżjoni, sakemm hu jew is-Segretarju Permanenti Ewlieni ma jissottomettux talba għal rikonsiderazzjoni skont il-paragrafu (iv) hawn taħt;

(iv) fi żmien xahar mid-data ta' meta jkun infurmat bid-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tagħmel, tipposponi jew tirrevoka ħatra jew li żżomm progressjoni ta' uffiċjal pubbliku, is-Segretarju Permanenti tal-ministeru relevanti, jew is-Segretarju Permanenti Ewlieni, jista' jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tikkunsidra d-deċiżjoni tagħha, u f'tali każ id-deċiżjoni tal-Kummissjoni m'għandhiex tkun effettiva jekk ma tiġix ikkonfermata mill-Kummissjoni, u d-data effettiva għandha tkun id-data meta s-Segretarju Permanenti jkun infurmat li d-deċiżjoni tkun ġiet hekk ikkonfermata, sakemm id-deċiżjoni kif ikkonfermata ma tkunx tispeċifika data differenti;

(v) is-Segretarju Permanenti Ewlieni jista' jaġixxi skont il-paragrafu preċedenti fir-rigward ta' kwalunkwe azzjoni meħuda mill-Kummissjoni taħt dan id-Dokument ta' Delega, u barra minn hekk għandu jassumi l-funzjonijiet ta' Segretarju Permanenti taħt dan id-Dokument fir-rigward ta' ħatriet fi gradi tas-servizz ġenerali u karigi oħra li jimtlew permezz ta' sejħiet għal applikazzjonijiet maħruġa taħt l-awtorità tiegħu; il-posponiment jew ir-revoka ta' ħatriet simili; iż-żamma tal-progressjoni ta' uffiċjali pubbliċi fil-gradi tas-servizz ġenerali u karigi oħra kif imsemmi qabel; u l-impjieg mill-ġdid jew re-instatement ta' uffiċjali pubbliċi ta' qabel, irrispettivament mill-grad jew kariga li kellhom qabel, fi Skali ta' Salarju 6 sa 20 (iż-żewġ skali inklużi);

(vi) il-Kummissjoni tista' fi kwalunkwe żmien tirrakkomanda lill-Prim Ministru li dan id-Dokument ta' Delega jiġi rtirat, u dan id-Dokument għandu jiġi sospiż malli ssir tali rakkomandazzjoni, sakemm il-Prim Ministru jaġixxi fuqha;

(vii) dan id-Dokument għandu wkoll jiġi sospiż jekk l-Prim Ministru jordna hekk u jikkomunika d-deċiżjoni

make, postpone or revoke an appointment or to withhold a public officer's progression, as recorded in the minutes of the Commission, shall constitute the authority for the said action;

(ii) the said appointment, postponement, revocation, or withholding of progression shall take effect as from the date on which it is communicated by the Executive Secretary, or an officer authorised to act on his behalf, to the Permanent Secretary of the relevant ministry, unless the Commission specifies a different date in its decision;

(iii) on being informed of the Commission's decision to make, postpone or revoke an appointment or to withhold a public officer's progression, the Permanent Secretary shall take action forthwith to effect that decision, unless he or the Principal Permanent Secretary submits a request for reconsideration in accordance with paragraph (iv) hereunder;

(iv) within one calendar month from the date on which he is informed of the Commission's decision to make, postpone or revoke an appointment or to withhold a public officer's progression, the Permanent Secretary of the relevant ministry, or the Principal Permanent Secretary, may request the Commission to reconsider its decision; and in such a case the Commission's decision shall not be effective unless it is confirmed by the Commission, and the effective date shall be the date when the Permanent Secretary is informed that the decision has been so confirmed, unless the decision as confirmed specifies a different date;

(v) the Principal Permanent Secretary may act under the preceding paragraph with respect to any action taken by the Commission under this Instrument of Delegation, and he shall in addition assume the functions of Permanent Secretary under this Instrument with respect to appointments to general service grades and other offices which are filled through calls for applications issued under his authority; the postponement or revocation of such appointments; the withholding of the progression of public officers in general service grades and other offices as aforesaid; and the re-employment or re-instatement of former public officers, regardless of their former grade or office, within salary scales 6 to 20 (both scales included);

(vi) the Commission may at any time recommend to the Prime Minister that this Instrument of Delegation be withdrawn, and this Instrument shall be suspended upon such a recommendation being made, until the Prime Minister acts thereon;

(vii) this Instrument shall also be suspended if the Prime Minister so directs and if such decision is communicated

tiegħu lill-Kummissjoni, u f'dan il-każ il-Kummissjoni tkun obbligata li tikkunsidra jekk għandhiex tirrakkomanda jew le l-irtirar ta' dan id-Dokument, iżda d-Dokument għandu jibqa' sospiż sakemm jiġi rtirat, bla ħsara għall-paragrafu (viii) hawn taħt;

(viii) id-Dokument jerġa' jiġi effettiv jekk il-Kummissjoni tiġbed lura r-rakkomandazzjoni tagħha għall-irtirar tad-Dokument, jew jekk il-Prim Ministru jirtira d-direzzjoni tiegħu għas-sospensjoni tad-Dokument, jew it-tnejn, kif applikabbli;

U BILLI jiena naqbel mal-imsemmija rakkomandazzjoni:

ISSA, GĦALHEKK, JIENA, JOSEPH MUSCAT, K.U.O.M, B.COM, B.A. (HONS), M.A. (European Studies), Ph.D. (BRISTOL), MP, Prim Ministru, bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 110 tal-Kostituzzjoni, qiegħed b'din nordna li mid-data ta' dan id-Dokument, is-setgħa tal-għemil, il-posponiment jew ir-revoka ta' ħatriet f'karigi pubbliċi fi Skali ta' Salarji 6 sa 20, iż-żewġ skali inklużi, u s-setgħa ta' żamma ta' progressjoni ta' uffiċjali pubbliċi fl-istess skali ta' salarju minn skala għall-oħra fl-istess grad, jiġu delegati lill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku skont id-dispożizzjonijiet ta' dan id-Dokument, kif imniżżel hawn fuq u kif rakkomandat mill-Kummissjoni.

DAN ID-DOKUMENT ta' Delega huwa addizzjonali u bla ħsara għal Dokumenti oħra ta' Delega li nħarġu skont l-artikolu 110 tal-Kostituzzjoni.

(Iff.) Joseph Muscat
Mogħti taħt il-firma tiegħi
fil-Berġa ta' Kastilja, Valletta,
illum, 28 ta' Mejju, 2013

to the Commission, whereupon the Commission shall consider whether or not to recommend the withdrawal of this Instrument, but the Instrument shall remain suspended until such time as it is withdrawn, subject to paragraph (viii) below;

(viii) the Instrument shall resume effect if the Commission retracts its recommendation for the withdrawal of the Instrument, or if the Prime Minister rescinds his direction for its suspension, or both, as applicable;

AND WHEREAS I agree with the said recommendation:

NOW, THEREFORE, I, JOSEPH MUSCAT, K.U.O.M., B.COM, B.A. (HONS), M.A. (EUROPEAN STUDIES), Ph.D. (BRISTOL), M.P., Prime Minister, in exercise of the powers conferred by article 110 of the Constitution, do hereby direct that as from the date hereof, powers to make, to postpone and to revoke appointments to public offices in Salary Scales 6 to 20, both scales included, and power to withhold the progression of public officers in the same salary scales from one scale to the next within the same grade, be delegated to the Public Service Commission in accordance with and subject to the foregoing provisions of this Instrument, as recommended by the Commission.

THIS INSTRUMENT of Delegation shall be in addition and without prejudice to other Instruments of Delegation which have been issued in terms of article 110 of the Constitution.

(Sgd) Joseph Muscat
Given under my hand at the
Auberge de Castille, Valletta,
this 28th day of May, 2013

Nru. 495

ATT DWAR IS-SIGURTÀ SOĊJALI
(KAP. 318)

Nomina ta' Membru
Addizzjonali fuq il-Lista ta' Tobba

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilha bl-artikolu 106 tal-Att dwar is-Sigurtà Soċjali, il-Ministru għall-Familja u Solidarjetà Soċjali għoġobha taħtar lil Dott. Peter Muscat, M.D., M.Sc. biex ikun membru tal-Lista ta' Tobba għall-finijiet speċifikati tal-imsemmi Att.

Din il-ħatra tibqa' valida sal-31 ta' Diċembru, 2013

Il-11 ta' Ġunju, 2013

No. 495

SOCIAL SECURITY ACT
(CAP. 318)

Appointment of Additional Member
on the Medical Panel

IN exercise of the powers vested in her by article 106 of the Social Security Act, the Minister for the Family and Social Solidarity is pleased to appoint Dr Peter Muscat, M.D., M.Sc. to be a member on the Panel of Medical Practitioners for the purposes of the said Act.

This appointment shall remain valid up to the 31st December, 2013.

11th June, 2013

Nru. 496

MALTA INDUSTRIAL PARKS LTD

NGĦARRFU illi l-Ministru għall-Ekonomija, Investiment u Intrapriżi Żgħar ħatar il-Bord tal-Malta Industrial Parks Ltd sal-31 ta' Mejju, 2015, kif gej :

Chairman
Is-Sur Tony Zahra

Membri
Dott. Michael Vella Haber
Is-Sinjura Anita Mangion
Is-Sur Jeremy Dallia

L-10 ta' Ġunju, 2013

No. 496

MALTA INDUSTRIAL PARKS LTD

IT is notified that the Minister for Economy, Investment and Small Business has appointed the board of the Malta Industrial Parks Ltd up to 31st May, 2015, as follows -

Chairman
Mr Tony Zahra

Membri
Dr Michael Vella Haber
Mrs Anita Mangion
Mr Jeremy Dallia

10th June, 2013

Nru. 497

MALTA ENTERPRISE CORPORATION

NGĦARRFU illi l-Ministru għall-Ekonomija, Investiment u Intrapriżi Żgħar ħatar il-Bord tal-Malta Enterprise Corporation sal-31 ta' Mejju, 2015, kif gej :

Chairman
Dott. Mario Vella

Viċi Chairman
Is-Sur William Wait

Membri
Is-Sur Anton Borg
Is-Sur Michael Grech
Is-Sur Peter Borg
Is-Sur David Marinelli
Is-Sur Victor Carachi
Is-Sinjura Marlene Seychell
Is-Sur Paul Abela
Is-Sur David G Curmi

Is-6 ta' Ġunju, 2013

No. 497

MALTA ENTERPRISE CORPORATION

IT is notified that the Minister for Economy, Investment and Small Business has appointed the board of the Malta Enterprise Corporation up to 31st May, 2015, as follows -

Chairman
Dr Mario Vella

Deputy Chairman
Mr William Wait

Members
Mr Anton Borg
Mr Michael Grech
Mr Peter Borg
Mr David Marinelli
Mr Victor Carachi
Mrs Marlene Seychell
Mr Paul Abela
Mr David G Curmi

6th June, 2013

Nru. 498

ATT DWAR IL-PROFESSJONI NUTARILI U L-ARKIVJI NUTARILI (KAP. 55)

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 53 ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tat-18 ta' Jannar, 2013, ngħarrfu b'din illi n-Nutar Josianne Mifsud ġiet indikata bi żball bħala Josianne Cini.

Il-11 ta' Ġunju, 2013

No. 498

NOTARIAL PROFESSION AND NOTARIAL ARCHIVES ACT (CAP. 55)

WITH reference to Government Notice No. 53 published in the Government Gazette of the 18th January, 2013, it is hereby notified that Notary Josianne Mifsud was erroneously indicated as Josianne Cini.

11th June, 2013

Nru. 499

ĦATRA TA' AĠENT DIRETTUR (EŻAMIJIET)

IL-PRIM Ministru approva l-ħatra temporanja li ġejja:

ISEM *NAME*	POST *POST*	DIPARTIMENT *DEPARTMENT*	DATA *DATE*
Mr George Borg	Direttur *Director*	Eżamijiet *Examinations*	From 8.04.2013

Il-11 ta' Ġunju, 2013

No. 499

APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR (EXAMINATIONS)

THE Prime Minister has approved the following acting appointment:

11th June, 2013

Nru. 500

ORDINANZA (GĦELUQ) DWAR IL-ĠONNA PUBBLIĊI (KAP. 34)

Il-Ġonna tal-Barrakka t'Isfel

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi bis-setgħa mogħtija lilu bl-Artikolu 2 tal-Ordinanza dwar l-Għeluq ta' Ġonna Pubbliċi il-Ministeru għall-Iżvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u Tibdil fil-Klima approva li nhar il-Ġimgħa, 14 ta' Ġunju 2013, il-Ġonna tal-Barrakka ta' Isfel, mill-4.00 p.m. 'il quddiem ikunu magħluqa għall-pubbliku u jkunu taħt il-kontroll ta' Island Caterers Ltd.

Il-11 ta' Ġunju, 2013

No. 500

PUBLIC GARDENS (CLOSING) ORDINANCE (CAP. 34)

Lower Barrakka Gardens

IT is notified for general information that as enabled by Article 2 of the Public Gardens (Closing) Ordinance the Ministry for Sustainability Development, the Environment and Climate Change has approved that on Friday, 14th June 2013, from 4.00 p.m. onwards, the Lower Barrakka Gardens will be closed to the public and will be under the control of Island Caterers Ltd.

11th June, 2013

Nru. 501

ATT DWAR IL-*CONDOMINIA* (Kap. 398)

B'DIN qed ngħarraf li jiena rċivejt applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' u/jew emendi tar-regolamenti li jirregolaw l-imsemmija *condominia:*-

Nru. tal-Condominium *Condominium Number*	Indirizz tal-Condominium *Address of Condominium*	Rimarki *Remarks*	Data tar-Reġistrazzjoni *Date of Registration*
882	52, 'Summerville', Triq Toni Bajada, San Pawl il-Baħar.	Reġistrazzjoni tar-Regolamenti/ *Registration of Rules*	30/5/2013

Dott. Keith Francis German, LL.D.
Reġistratur tal-Artijiet

Il-11 ta' Ġunju, 2013

No. 501

CONDOMINIUM ACT (Cap. 398)

NOTICE is hereby given that I have received an application for the registration of and/or amendment to rules regulating the following condominia:-

Dr Keith Francis German, LL.D.
Land Registrar

11th June, 2013

Nru. 502

L-AWTORITÀ TA' MALTA DWAR L-AMBJENT U L-IPPJANAR

Notifika dwar l-Eżenzjoni minn Studju tal-Impatt Ambjentali

SKONT Regolament 3(8) tar-Regolamenti tal-2007 dwar l-Istima tal-Impatt fuq l-Ambjent (Avviż Legali 114 tal-2007), u minħabba li l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar jidhrilha li l-proposta mhux probabbli li jkollha impatti sinjifikanti fuq l-ambjent, id-Direttur għall-Ħarsien tal-Ambjent jaqbel li l-proposta ma teħtieġx Studju dwar l-Impatt Ambjentali (EPS).

Id-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) li ġiet ippreżentata bħala parti mill-applikazzjoni kkunsidrat b'mod suffiċjenti l-kwistjonijiet li jolqtu l-ambjent u għaldaqstant it-tħejjija ta' studju dwar l-impatt ambjentali mhux se jżid informazzjoni ġdida peress li l-Awtorità għandha l-informazzjoni kollha meħtieġa sabiex tiddeċiedi dwar din l-applikazzjoni. Skont l-informazzjoni li ġiet ippreżentata fid-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) u fil-valutazzjoni li saret skont l-Iskeda IB tal-istess Regolamenti, ma jidhirx li l-proposta se jkollha impatti sinifikanti fuq l-ambjent.

Ġustifikazzjoni dettaljata tinstab hawn taħt:

Numru ta' Referenza:	PA 03809/10
Post:	Sit fi Triq tax-Xagħri, *Alley off*, Kerċem, Għawdex
Proposta:	Bini ta' razzett għat-tkabbir tal-faqqiegħ u *units* għal kultivazzjoni tal-faqqiegħ, ħażna u faċilitajiet anċillari fil-livell tal-art u taħt l-art.

Dawn l-effetti potenzjali fuq l-ambjent, flimkien ma' numru ta' miżuri biex jittaffa l-impatt, ġew identifikati fid-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) li kien sottomess lill-Awtorità fis-27 ta' Jannar 2012 u aġġornati fil-5 ta' April 2013 u fil-ġustifikazzjoni għall-eżenzjoni mill-Istudju dwar l-Impatt Ambjentali li ġiet sottomessa fis-17 ta' Mejju, 2013.

No. 502

MALTA ENVIRONMENT AND PLANNING AUTHORITY

Notification of Exemption of Environmental Planning Statement

IN conformity with Regulation 3(8) of the Environmental Impact Assessment Regulations (Legal Notice 114 of 2007), and in view of the fact that MEPA has determined that the proposal is unlikely to have significant environmental impacts, the Director of Environment Protection agrees that the proposal does not require the preparation of an Environmental Planning Statement (EPS).

The Project Description Statement (PDS) presented as part of the application has considered the environmental issues in a sufficient manner such that the preparation of an EPS would not add any new information and MEPA has all the necessary information to determine the application. From the information presented in the PDS and screening according to Schedule IB of the same Regulations, the proposal is not likely to have significant environmental effects.

A detailed justification is presented below:

Reference Number:	PA 03809/10
Location:	Sit at Triq tax-Xagħri, Alley off, Kerċem, Gozo
Proposal:	Construct mushroom farm and mushroom cultivation units, storage and ancillary facilities at ground and basement levels.

The following potential environmental impacts were identified and mitigation measures proposed in the Project Description Statement (PDS) submitted to MEPA on the 27th January 2012, and updated 5th April 2013 and the justification for proposal from carrying out an Environmental Impact Assessment (EIA) submitted on 17th May, 2013.

Impatti potenzjali ***Potential Impacts***	**Rimarki fuq miżuri biex jittaffa l-impatt, eċċ.** ***Remarks on mitigation measures, etc.***
Ħolqien ta' skart	Il-proġett se jiġġenera skart kemm waqt il-bini kif ukoll waqt l-operat. Skart inert iġġenerat waqt il-fażi tal-kostruzzjoni mhux meqjus bħala sinifikanti. Ħamrija fuq is-sit se tiġi ġestita u terġa' tintuża skont kondizzjonijiet *standard* fil-permess. Ġestjoni xierqa tal-iskart u miżuri ta' mitigazzjoni waqt l-operat għandhom jiġu ġestiti permezz ta' permess tal-operat.

L-i*Spent Mushroom Substrate* se jitneħħa mill-ewwel mir-razzett wara l-ħsad tal-faqqiegħ u jiġi ttrasportat ġo demmiela mdaqqsa (ġà eżistenti) ta' razzett fil-qrib. Aktar tard dan il-materjal ser jinfirex fuq l-art agrikola tal-madwar. Huwa ppjanat li se jkun hemm tnaqqis mill-iskart ta' l-ippakkjar minħabba li fil-preżent, il-kompost għar-razzett tal-faqqiegħ huwa importat filwaqt li din il-proposta tikkonsisti fil-produzzjoni tal-kompost billi jintuża tiben, demel tat-tiġieġ u *gypsum*. Skart likwidu se jinġabar ġo fossa u l-*leachate* se jerġa' jintuża fil-proċess tas-*substrate*.

Waste generation

The project will generate waste during both construction and operation. Inert waste generated during the construction phase is not considered to be significant. Soil shall be managed and reused in accordance with standard conditions. Waste management and mitigation measures during operation should be managed through an operational permit.
Spent Mushroom Substrate will be immediately removed from the farm following mushroom harvesting and transported to a nearby livestock farm into a sizeable manure clamp (already existent). It will be later spread over surrounding agricultural land. A reduction in packaging waste is expected in view that mushroom farm compost/substrate is currently imported, whereas the proposal is expected to produce its own compost to be used for the mushroom farm, using straw, chicken manure and gypsum. Liquid wastes will be collected into a cesspit and leachate will be reused in the substrate preparation process.

Impatt fuq il-kwalità tal-arja, rwejjaħ, storbju u vibrazzjonijiet

Storbju, vibrazzjonijiet u trabijiet waqt il-kostruzzjoni x'aktarx li jkunu minimi u ta' natura temporanja. Għandhom ikunu infurzati miżuri *standard* biex jittaffa l-impatt waqt il-kostruzzjoni kostruzzjoni skont ir-Regolamenti fuq il-Ġestjoni Ambjentali ta' Sit tal-Kostruzzjoni (Avviż Legali 295 tal-2007).

Waqt l-operat, storbju u vibrazzjonijiet mhumiex mistennija li jkunu sostanzjali. L-impatti jistgħu jiġu mitigati permezz ta' miżuri li jagħmlu parti mir-Reġistrazzjoni Ambjentali. Rwejjaħ (mill-*ammonia*), waqt il-produzzjoni tal-kompost jiddependu fuq numru ta' miżuri ta' mitigazzjoni applikati. Livelli ta' *ammonia* jistgħu jiġu ttrattati bl-użu tal-ilma li jħoll l-ammonia li mbagħad jerġa' jiġi ċċirkolat fil-proċess tal-kompost billi jintuża bħala materja prima fl-istadju tas-*substrate pre-wetting*. Dan il-proċess se jtaffi wkoll impatti potenzjali relatati mal-irwejjaħ.

Il-proġett propost jinsab f'żona diġà kkaratterizzata minn irziezet intensivi għat-trobbija tal-annimali, u meta titqies id-distanza moderata mill-eqreb abitat, kwalunkwe impatt miżjud fuq il-*baseline* (storbju, vibrazzjonijiet, irwejjaħ u dawl) mhux probabbli li jwassal għal *bad-neighbourliness* sostanzjali u bidliet soċjali. Barra minn hekk, l-impatti jistgħu jitnaqqsu b'mod sinifikanti permezz ta' prattiċi operattivi *standard* tal-iriziezet skont il-linji gwida stipulati (per eżempju Kodiċi ta' Prattika Agrikola Tajba) flimkien mal-proċeduri operattivi *standard* oħra.

Impact on air quality, odour noise and vibration

Noise, vibrations and impacts on air quality during the construction phase are are likely to be minimal and of a temporary nature. Standard mitigation measures during construction should be enforced in accordance with the Environmental Management Construction Site Regulations (Legal Notice 295 of 2007).

During operation, noise and vibrations are not expected to be substantial. Any impacts can be mitigated through measures as part an environmental registration. Odour (from ammonia) from composting is dependent on mitigation measures adopted. Ammonia levels can be treated through the use of water to dissolve ammonia which will then be re-circulated in the composting process by using it as a raw material in the substrate pre-wetting stage. Such process will also sufficiently mitigate any potential odour impact.

The proposal is located in an area already characterised by intensive animal husbandry farms, and considering the moderate distance from the nearest established settlement, any incremental impacts relative to the baseline (noise, vibration, odour and light) are unlikely to induce substantial bad-neighbourliness and associated social changes. Furthermore, potential impacts can be significantly reduced through standard farm operational practices in accordance with the set Guidelines (e.g. Code of Good Agricultural Practice) together with other standard operational procedures.

Kwalità tal-ilma	Is-sit jaqa' f'*aquifer protection zone* u l-proġett se jżid ir-riskju ta' kontaminazzjoni tal-ilma permezz ta' sustanzi jew ilmijiet kontaminati fl-ambjent tal-madwar, kemm waqt il-fażi ta' kostruzzjoni kif ukoll waqt l-operat. Il-proġett jikkwalifika għal permess li jirregola l-operat, u li għandu jindirizza l-ġestjoni tal-iskart, ir-rimi ta' skart likwidu, emissjonijiet oħra, il-ħażna ta' materjali (partikolarment likwidi) eċċ. Għandhom jittieħdu miżuri biex jitnaqqsu, kemm jista' jkun, ir-riskji ta' tniġġis tal-ilma.
Water quality	*The site in question falls within an aquifer protection zone. The project will increase the risk of contamination of water through the potential release of contaminated substances or waters into the surrounding environment during both the construction phase and the operation phase. Waste management, effluent discharges, other emissions, storage of materials (particularly liquids) etc. can be addressed through the operational permit, Mitigation measures are required to reduce water contamination as much as possible.*
Impatt permezz ta' dawl	Matul il-lejl, aktarx li dawl se jiġi ġġenerat. Madankollu, l-emissjonijiet tad-dawl jistgħu jitnaqqsu permezz tal-użu ta' lampi li jħarsu 'l isfel (*down-lighters*), jew billi jitnaqqas id-dawl użat.
Light pollution	*During night-time, lighting is envisaged. Nevertheless, light emissions may be reduced through the use of down-lighters, or by minimisation of lighting.*

Minkejja dak imsemmi hawn fuq, l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar iżżomm id-dritt li titlob lill-applikant li jissottometti informazzjoni oħra kif jista' jkun meħtieġ biex tiddeċiedi l-applikazzjoni.

Il-11 ta' Ġunju, 2013

Notwithstanding the above, the Malta Environmental and Planning Authority reserves the right to request the applicant to submit additional information as may be necessary to determine the application.

11th June, 2013

Nru. 503

AVVIŻ GĦALL-GĦANIJIET TAL-ATT TAL-1996 DWAR GWARDJANI PRIVATI U LOKALI (ATT NRU. XIII TAL-1996)

IL-KUMMISSARJU tal-Pulizija, skont l-artikoli 7 u 8 tal-Att tal-1996 dwar Gwardjani Privati u Lokali, b'din jgħarraf li rċieva dawn l-applikazzjonijiet kif imsemmija hawn taħt:

No. 503

NOTICE IN TERMS OF THE PRIVATE GUARDS AND LOCAL WARDENS ACT, 1996 (ACT NO. XIII OF 1996)

THE Commissioner of Police, in terms of article 7 and 8 of the Private Guards and Local Wardens Act, 1996, hereby notifies that the following applications as mentioned hereunder have been received:

Applikazzjoni għal-liċenza bħala Gwardjani Privati
Application for licence of a Private Guard

Flavio Montanelli	33402 (L)	125, Triq ir-Ratal, Ibraġ, Swieqi.
Angele Cassar	219967 (M)	Blokk 2, New Brighton, Flat 5, Triq San Albert, Gżira.
Krystle Gaffarena	99984 (M)	"Durell", Flat 2B, Triq Barnaba, San Pawl il-Baħar.
Vincent Cachia	454972 (M)	"Marvin", Sqaq Bursett, Żabbar.
Josephine Mazzonello	470165 (M)	5, "Casa Mazzonello", Triq L-Erbatax ta' Diċembru 1945, Fgura.
Jesmond Grixti	53571 (M)	"Il-Gardjola", Triq Ġdida Fi Triq Ħal Mula, Żebbuġ.

Bjorn Grima	193594 (M)	1, Triq id-Dejqa, Sqaq Numru 2, Lija.
Michael Debono	13863 (M)	Flat 5, Bin ital-Gvern, Blokk S, Ħamrun.
Noel Mizzi	1476 (G)	145B, Triq Patri Ġużeppi Portelli, Qala, Għawdex.
Darren Emanuel Fenech	50283 (M)	20, Flat 2, Triq l-Ixprunara, Marsaxlokk.
Jason Agius	192871 (M)	11, Triq Santa Katerina, Isla.
Elijah Owolabi Adisanya	MT 2239757	27, "The Dove", Triq Clarence, Pietà.
Lawrence Vella	391073 (M)	46, "Belveder", Flat 1, Triq il-Qadi, Żejtun.
Philip Zammit	374885 (M)	Flat 3, Triq Nerik Sant, Blokk C3, Żebbuġ.
Mario Sammut	471454 (M)	26, "Tanamera", Triq ir-Rebbiegħa, Mosta.
Antonia Portelli	694962 (M)	33, "Shatz", Triq il-Mitħna, Gudja.
Angelo Agius	127957 (M)	23, "Angel Eyes", Triq l-Imsiebaħ, Mosta.
John Galea	532358 (M)	66, "Paradise", Triq il-Parroċċa, Naxxar.
Christopher Agius	122275 (M)	12, Room 2, Triq Santa Liena, Birkirkara.
Carmel Bonnici	742255 (M)	44, Triq Sir Philip Pullicino, Mtarfa.
Maria Theresa Zarb	135062 (M)	9, Sqaq L-Imrieħel, Birkirkara.
Cedric Borg	236676 (M)	158, Flat 8, Triq il-Wied tal-Imsida, Bini tal-Gvern, Imsida.
Victor Spiteri	449085 (M)	36, Triq Viani, Sliema.
Francis Caruana	330468 (M)	Misraħ il-Fliegu, Blokk J, Flat 2, Triq Malta, Għajnsielem, Għawdex.
Richard Vella	108573 (M)	"Kar-Ric", Triq San Ġużepp, Mellieħa.
Anthony Cutajar	484452 (M)	"Antoinette", Triq Garcin, Msida.
Gorg Josef Zahra	15780 (G)	"Zahra", Triq iż-Zirzieb, Xlendi, Munxar, Għawdex.
Joseph James	228651 (M)	"Joephyll", Triq Ġużeppi Montebello, Tarxien.
Anthony Tabone	163362 (M)	1, Triq Fra Giuseppi Zammit, Pembroke.
Victor Micallef	408061 (M)	36, "Maria Bambina", Sqaq l-Isptar, Imqabba.
Giuda Taddeo k/a Madeo Attard	397963 (M)	24, Flat 6, Triq il-Gdida, Bin ital-Gvern, Blokk B, Luqa.
Valentino Boccato	81222 (A)	59, "Charlotte", Triq Ignazio Saverio Mifsud, Birkirkara.
Aurelio Galea	115152 (M)	10, "Qalb ta' Ġesu`", Triq Erminia Cilia Abela, Żabbar.

Raymond Cassar	660160 (M)	48, "Misty Blue", Triq l-Imsaġar, Attard.
Charles Grima	69973 (M)	7, Misrah il-Qalbiena Maltin, Żabbar.
Carmel k/a Charles Cuschieri	816256 (M)	64, Triq Mario De Vasi, Mellieħa.
Franky Cini	10681 (G)	"Redempter", Triq Ta' Zaqi, Żebbuġ, Għawdex.
Susan Vella	266383 (M)	68, Triq Dun Amabile Sisner, Pembroke.
Rosanne Schembri	135893 (M)	Flat 2, Triq in-Newl, Blokk B4, Żebbuġ.
Maria Rosaria k/aRosette Brincat	756360 (M)	271, "Diamond", Triq L-Orsolini, Gwardamanga, Pietà.
Francis Buttigieg	520857 (M)	73, "St. Mary", Triq Bernardette, San Ġwann.
Maria Magdalena Dumitran	49792 (A)	"Velanc", Triq Ta' Ciantar, Żurrieq.
Wayne Scerri	361392 (M)	11, "Blue Skies Mansions", Flat 5, Triq il-Ferrovija, Attard.
Reno Scerri	138784 (M)	11, "Blue Skies Mansions", Flat 5, Triq il-Ferrovija, Attard.

Kull persuna tista', fi żmien xahar mill-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż, toġġezzjona bil-miktub lill-Kummissarju dwar il-ħruġ ta' dawn il-liċenzi għal xi waħda mir-raġunijiet imsemmija fl-artikolu 10 tal-Att dwar Gwardjani Privati u Lokali, li huma:

(a) meta l-applikant jew xi uffiċjali tal-applikant jew persuna oħra li jkollha kontroll effettiv tas-servizzi li jkunu se jiġu pprovduti mill-applikant.

(i) tkun instabet ħatja f'Malta jew x'imkien ieħor ta' xi delitt kontra s-sigurtà tal-istat, jew ta' xi offiża volontarja fuq il-persuna jew ta' xi delitt kontra proprjetà jew kontra l-fiduċja pubblika jew ta' xi delitt gravi ieħor; jew

(ii) tkun iddikjarata falluta jew meta l-qagħda finanzjarja tagħha tkun prekarja jew xort'oħra tagħmel lill-applikant mhux adatt; jew

(iii) tkun tkeċċiet mill-pulizija jew mill-forzi armati jew mis-servizz tal-ħabs minħabba xi reat jew xi nuqqas ieħor fl-imġiba; jew

(iv) tkun uffiċjal pubbliku jew membru tal-Pulizija jew tal-forzi armati jew tas-servizz tal-ħabs; jew

(b) dwar xi tagħrif li jkun ta' interess pubbliku; jew

(ċ) meta l-applikant ma jkollux il-kwalifiki meħtieġa kif jista' jkun preskritt bl-Att jew taħtu.

Any person may, within one month from the publication of this notice, object in writing to the Commissioner about the issue of the above licences on any of the grounds listed in article 10 of the Private Guards and Local Wardens Act, which are:

(a) where the applicant or any officer of the applicant or any person who has an effective control of the services to be provided by the applicant.

(i) has been convicted in Malta or elsewhere of any crime against the safety of the state, or of any crime of voluntary harm or injury to any person or any crime against property or public trust or any other serious crime; or

(ii) has been declared bankrupt or his financial position is precarious or otherwise renders the applicant unsuitable; or

(iii) has been discharged from the police or armed forces or the prison services because of any offence or other misbehaviour; or

(iv) is a public officer or a member of the police or armed forces or the prison services; or

(b) when information is available which is in the public interest; or

(c) where the applicant does not possess the necessary qualifications as may be prescribed by or under the Act.

Nru. 504

MINISTERU GĦALL-FINANZI

Għotja mill-Gvern fuq Xiri ta' Vetturi li Jagħmlu Inqas Ħsara lill-Ambjent

BL-INIZJATTIVA tal-Ministeru għall-Finanzi l-Gvern se jniedi, flimkien ma' Transport Malta, skema ta' għotja ta' flus biex jinċentiva x-xiri ta' vetturi ġodda li jagħmlu inqas ħsara lill-ambjent u fl-istess waqt jitnaqqsu l-vetturi qodma mit-triq.

Soġġetta għal diversi kondizzjonijiet, l-għotja tammonta għal €500 li tingħata meta tinxtara vettura fil-kategorija M1 jew N1 waqt li tkun tikkwalifika għall-iskema filwaqt li titħassar ir-reġistrazzjoni ta' vettura qadima tal-istess kategorija.

L-iskema tibqa' fis-seħħ għal mhux aktar mill-31 ta' Diċembru, 2013 u tapplika għal mhux aktar minn 1,000 vettura fuq bażi tal-ewwel jinqeda l-ewwel.

L-ISKEMA

1. Interpretazzjoni

Għall-finijiet ta' din l-iskema, sakemm ir-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra:

'applikant' tfisser

(a) il-persuna li tkun qiegħda tapplika għall-għotja taħt din l-iskema u li, filwaqt li tkun persuna li hi residenti Malta, tkun ix-xerrej ta' vettura ġdida M1 kif imfissra hawn taħt, jew

(b) il-persuna jew intrapriża li tkun qiegħda tapplika taħt din l-iskema li tkun ix-xerrej ta' vettura N1 ġdida kif imfissra hawn taħt. Dik il-persuna jew intrapriża trid tkun toqgħod jew tkun stabbilita f'Malta, skont ma jkun il-każ.

'applikazzjoni' tfisser l-applikazzjoni li ssir għal għotja taħt din l-iskema;

'l-Awtorità' tfisser l-Awtorità għat-Trasport f'Malta stabbilita taħt id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar l-Awtorità għat-Trasport f'Malta (Kap. 499);

'bejjiegħ' tfisser aġent jew negozjant kif imfisser taħt din l-iskema;

'ċertifikat ta' konformità' tfisser ċertifikat ta' konformità maħruġ mill-manifattur ta' vettura bil-mutur skont kull

No. 504

MINISTRY FOR FINANCE

Government Grant on the Purchase of Environment-friendly Vehicles

ON the initiative of the Ministry for Finance, Government will be launching a grant scheme in conjunction with Transport Malta to incentivise the purchase of new and more environmentally friendly motor vehicles and at the same time reduce the number of old motor vehicles from the road.

Subject to various conditions, the grant will amount to €500 which shall be given upon the purchase of a new motor vehicle (M1 or N1 category as applicable) that qualifies for the grant scheme whilst at the same time de-registering a vehicle in the same category.

The duration of the scheme shall extend until 31st December, 2013 and shall apply for a maximum of 1,000 vehicles on a first come first serve basis.

THE SCHEME

1. Interpretation

For the purpose of the scheme, unless the context otherwise requires:

'applicant' means

(a) the person applying for the grant under this scheme and who, apart from being a person residing in Malta, is the purchaser of a new M1 vehicle as defined hereunder, or;

(b) the person or undertaking applying for the grant under this scheme who is the purchaser of a new N1 vehicle as defined hereunder. That person or undertaking shall be residing or established in Malta, as the case may be.

'application' means the application made for a grant under this scheme;

'Authority' means the Authority for Transport in Malta set up under the provisions of the Authority for Transport in Malta Act (Cap. 499);

'seller' means an agent or dealer as defined under this scheme;

'certificate of conformity' means a certificate of conformity issued by a manufacturer of a motor vehicle

dispożizzjoni tal-liġi ta' Stat Membru li tittrasponi d-Direttiva 2007/46/KEE, kif emendata;

'ċertifikat tar-reġistrazzjoni tal-vettura' tfisser iċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni ta' vettura maħruġ mill-Awtorità li jiċċertifika li l-vettura bil-mutur hija rreġistrata;

'emissjonijiet CO_2' tfisser il-livell ta' emissjonijiet ta' dijossidu tal-karbonju għal vettura mkejjel skont id-Direttiva 80/1268/KEE kif emendata u li jkun jinsab fiċ-ċertifikat tal-KE ta' approvazzjoni tat-tip jew fiċ-ċertifikat ta' konformità relevanti, u fejn il-vettura ma' tkunx tat-tip approvat, għal dik il-vettura parikolari l-livelli ta' emissjonijiet li jkunu jidhru f'dokument li jkun aċċettabbli għall-Awtorità;

'faċilità ta' trattament awtorizzata" għandha l-istess tifsira mogħtija lilha fir-Regolamenti dwar ir-Reġistrazzjoni u l-Liċenzjar ta' Vetturi bil-Mutur (LS368.02);

'għotja' tfisser l-għotja li qiegħda tingħata taħt din l-iskema lix-xerrej ta' vettura li tkun tissodisfa r-rekwiżiti tal-paragrafu 4(ii);

'intrapriża' tfisser, għall-iskop ta' din l-għotja, kumpannija reġistrata, *partnership* jew soċjetà li:

timpjega inqas minn 10 persuni;
ikollha dħul annwali u, jew il-valur tal-karta tal-bilanċ annwali li ma jkunx aktar minn €2miljun;
ma tkunx parti minn xi organizzazzjoni jew grupp ta' kumpanniji; u
id-diretturi, msieħba jew azzjonisti tagħha ma jkunux is-sidien jew ma jkunux jikkontrollaw xi intrapriża oħra;

'Malta' tfisser il-gżejjer Maltin;

'Ministru' tfisser il-Ministru għall-Finanzi;

'negozjant' jew 'aġent' tfisser persuna jew entità awtorizzata biex timporta, tbiegħ jew tixtri vetturi bil-mutur;

'persuna' tfisser persuna fiżika;

'persuna residenti f'Malta' tfisser persuna fiżika li jkollha dokument ta' identifikazzjoni legalment validu maħruġ skont l-Att dwar il-Karta tal-Identità u Dokumenti oħra tal-Identità (Kap. 258) jew li jkollha permess ta' residenza jew ittra maħruġa mill-uffiċċju tal-espatrijazzjoni fil-Ministeru għall-Affarijiet Barranin;

'sid reġistrat' tfisser il-persuna jew l-intrapriża li f'isimha vettura tkun ġiet reġistrata mill-Awtorità;

'Stat Membru' tfisser Stat Membru tal-Unjoni Ewropea;

under any provision of the law of a Member State transposing Directive 2007/46/EC as amended;

'vehicle registration certificate' means the vehicle registration certificate issued by the Authority providing proof of registration of the motor vehicle;

'CO_2 emissions' means the level of carbon dioxide emissions for a vehicle measured in accordance with Directive 80/1268/EEC as amended and contained in the relevant EC type-approval certificate or certificate of conformity, and where the vehicle is not type-approved, for that particular vehicle the emissions level contained in a document acceptable to the Authority;

'authorised treatment facility' has the same meaning as assigned to it in the Registration and Licensing of Motor Vehicles Regulations (SL368.02);

'grant' means the grant being given under this scheme to the purchaser of a motor vehicle which satisfies the requirements of paragraph 4 (ii);

'undertaking' means, for the purpose of this scheme, a registered company, partnership, sole trader, or a cooperative society which:
which employs less than 10 persons;
which has an annual turnover and/or annual balance sheet value which does not exceed €2 million;
which is not part of any other organisation or group of companies; and
of which its directors, partners or shareholders do not own or have any controlling interest in any other undertaking;

'Malta' means the islands of Malta;

'Minister' means the Minister for Finance;

'dealer' or 'agent' means a person or entity authorised to import, sell or buy motor vehicles;

'person' means a natural person;

'person residing in Malta' means a natural person who either holds a legally valid identification document issued in terms of the Identity Card and other Identity Documents Act (Cap. 258) or who has a residence permit or a letter issued from the expatriate office at the Ministry of Foreign Affairs;

'registered owner' means the person or undertaking in whose name a motor vehicle is registered by the Authority;

'Member State' means a Member State of the European Union;

'taxxa ta' reġistrazzjoni' tfisser it-taxxa ta' reġistrazzjoni mitluba u miġbura skont l-Att dwar ir-Reġistrazzjoni u l-Liċenzjar ta' Vetturi bil-Mutur (Kap. 368);

'tneħħiet mir-reġistrazzjoni' tfisser, għall-fini ta' din l-iskema, it-tneħħija permanenti ta' vettura mir-reġistrazzjoni tagħha ma' Transport Malta u wara li jsir ħekk, dik il-vettura ma tistax terġa' tiġi rreġistrata biex tintuża fuq it-triq f'Malta;

'l-Unjoni Ewropea' għandha l-istess tifsira mogħtija lilha fl-artikolu 2 tal-Att dwar l-Unjoni Ewropea (Kap. 460), u tinkludi n-Norveġja, l-Islanda u Liechtenstein;

'użu privat' tfisser kull użu li ma jkunx għal kiri jew kumpens jew għal akkwist finanzjarju;

'vettura bil-mutur ġdida' tfisser vettura M1 jew N1 li qatt ma tkun ġiet reġistrata qabel f'ebda pajjiż;

'vettura użata' tfisser vettura bil-mutur li tkun diġà rreġistrata;

'vettura li tneħħiet mir-reġistrazzjoni' tfisser vettura bil-mutur li tneħħitilha r-reġistrazzjoni;

'vettura M1' tfisser, għall-finijiet ta' din l-għotja, vettura bil-mutur użata għall-ġarr ta' passiġġieri, li tista' ġġorr mhux aktar minn tmien passiġġieri minbarra x-xufier, li l-emissjonijiet CO_2 tagħha ma jeċċedux 150g/km u li ma tkunx itwal minn 4460mm kif muri fiċ-ċertifikat ta' konformità u li tinħarġilha liċenzja għal użu privat biss;

'vettura N1' tfisser vettura bil-mutur użata għall-ġarr ta' merkanzija u li l-massa tagħha ma teċċedix 3.5 tunnellati;

'xerrej' tfisser il-persuna jew l-intrapriża li tkun qiegħda tixtri vettura ġdida minn xi pajjiż ieħor jew mingħand l-aġent jew negozjant, li dik il-vettura tiġi rreġistrata f'isimha f'Malta u li tkun l-applikant għall-għotja taħt din l-iskema.

2. Għal min tapplika l-iskema

2.1 L-iskema għal għotja ta' €500 fuq xiri ta' vettura M1 tapplika għal persuni residenti f'Malta li:

(i) għandhom vettura M1 li għandha mill-anqas 10 snin mid-data tal-manifattura tagħha, sakemm vettura bħal dik:

(a) tkun ilha rreġistrata mal-Awtorità u kellha licenzja mill-Awtorità f'isem l-applikant qabel it-28 ta' Novembru, 2012;

'registration tax' means the registration tax charged and levied in terms of the Motor Vehicles Registration and Licensing Act under the laws of Malta (Cap. 368);

'de-registered' means, for the purpose of this scheme, the permanent removal of a motor vehicle from its registration with Transport Malta and thereafter, that motor vehicle shall never be registered again to be used on the road in Malta;

'European Union' has the same meaning as is assigned to it by article 2 of the European Union Act (Cap. 460), and includes Norway, Iceland and Liechtenstein;

'private use' means any use other than for hire or reward or financial gain;

'new motor vehicle' means an M1 vehicle or an N1 vehicle which has never been registered in any country;

'used motor vehicle' means a motor vehicle that has been registered;

'de-registered vehicle' means a motor vehicle which has been de-registered;

'M1 vehicle' means, for the purpose of this scheme, a new motor vehicle used for the carriage of persons and which may carry no more than eight passengers in addition to the driver, the CO_2 emissions of which do not exceed 150g/km and has a length that does not exceed 4460mm as certified on the certificate of conformity, and is licensed for private use only;

'N1 vehicle' means a new motor vehicle used for the carriage of goods and having a maximum mass not exceeding 3.5 tonnes;

'purchaser' means the person or undertaking buying the new vehicle from another country or from the local agent or dealer, having that vehicle registered in his name and being the applicant for the grant under this scheme;

2. Area of applicability

2.1 The scheme for a grant of €500 for the purchase of an M1 vehicle applies to a person residing in Malta who:

(i) owns an M1 vehicle which is at least 10 years old from year of manufacture, provided that such vehicle;

(a) shall have been registered, garaged or licensed with the Authority in the applicant's name prior to the 28th November 2012;

(b) tibqa' hekk irreġistrata jew garaxxjata jew bil-licenzja sad-data tal-applikazzjoni għall-għotja, u

(ċ) tiġi mneħħija mir-reġistrazzjoni fil-ħin tar-reġistrazzjoni tal-vettura l-ġdida;

jew

(ii) ma kellhomx xi vettura bil-mutur (kategorija M1 jew N1) reġistrata, garaxxjata jew b'liċenzja f'isimhom mal-Awtorità fit-28 ta' Novembru, 2012, imma li akkwistaw vettura M1 li ġiet reġistrata, garaxxjata jew inħarġitilha liċenzja f'isimhom mill-Awtorità wara dik id-data u li jkollha mill-inqas 10 snin mis-sena tal-manifattura, sakemm dik il-vettura titneħħa mir-reġistrazzjoni fil-ħin tar-reġistrazzjoni tal-vettura M1 ġdida.

2.2 L-iskema għal għotja ta' €500 fuq xiri ta' vettura N1 tapplika għal persuni residenti f'Malta jew għal intrapriżi stabbiliti f'Malta li:

(i) għandhom vettura N1 li għandha mill-inqas 10 snin mis-sena tal-manifattura tagħha, sakemm vettura bħal dik;

(a) tkun ilha rreġistrata, garaxxjata jew kellha liċenzja mill-Awtorità f'isem l-applikant qabel it-28 ta' Novembru, 2012;

(b) tibqa' hekk irreġistrata, garaxxjata jew bil-licenzja sad-data tal-applikazzjoni għall-għotja, u

(ċ) tiġi mneħħija mir-reġistrazzjoni fil-ħin tar-reġistrazzjoni tal-vettura l-ġdida;

jew

(ii) ma kellhomx xi vettura bil-mutur (kategorija M1 jew N1) irreġistrata, garaxxjata jew b'liċenzja f'isimhom mal-Awtorità fit-28 ta' Novembru, 2012, imma li akkwistaw vettura N1 li ġiet reġistrata, garaxxjata jew inħarġitilha liċenzja f'isimhom mill-Awtorità wara dik id-data u li għandha mill-inqas 10 snin mis-sena tal-manifattura tagħha, sakemm dik il-vettura titneħħa mir-reġistrazzjoni fil-ħin tar-reġistrazzjoni tal-vettura N1 ġdida.

Kull persuna eliġibbli tkun intitolata għal għotja waħda biss taħt din l-iskema sew jekk taħt Taqsima 2.1. jew taħt Taqsima 2.2.

3. Kif għandha ssir l-applikazzjoni u d-dokumenti li għandhom jiġu ppreżentati

(i) Applikazzjoni għal għotja taħt din l-iskema għandha ssir mix-xerrej wara l-ħruġ ta' fattura mill-aġent/negozjant lix-xerrej fil-formola stabbilita fl-iskeda li tinsab ma' din l-

(b) shall continue to be so registered, garaged or licensed until the date of application for the grant, and

(c) is de-registered at the time of the registration of the new vehicle;

or

(ii) did not have any motor vehicle (M1 or N1 category) registered, garaged or licensed in his name with the Authority on the 28th November 2012, but who has acquired and has registered, garaged or licensed in his name with the Authority an M1 vehicle which is at least 10 years old from year of manufacture after that date, provided that it is de-registered at the time of the registration of the new M1 vehicle

2.2. The scheme for a grant of €500 for the purchase of an N1 vehicle applies to a person residing in Malta or an undertaking established in Malta which:

(i) owns an N1 vehicle which is at least 10 years old from year of manufacture, provided that such vehicle;

(a) shall have been registered, garaged or licensed with the Authority in the applicant's name prior to the 28th November, 2012;

(b) shall continue to be so registered, garaged or licensed until the date of application for the grant, and

(c) is de-registered at the time of the registration of the new vehicle;

or

(ii) did not have any motor vehicle (M1 or N1 category) registered, garaged or licensed in his name with the Authority on the 28th November, 2012, but who has acquired and has registered and licensed in his name with the Authority an N1 vehicle which is at least 10 years old from year of manufacture after that date, provided that it is de-registered at the time of the registration of the new N1 vehicle.

Every eligible person or undertaking shall be entitled to only one grant under this scheme, whether it is under item 2.1. or under item 2.2.

3. Manner of application and supporting documents

(i) An application for a grant under this scheme shall be made by the purchaser following the issue of an invoice by the agent/dealer to the purchaser, in the form set out in the

iskema u għandu jkun fiha dak it-tagħrif, dettalji u dokumenti kollha kif meħtieġa fl-imsemmija formola u skont din l-iskema.

(ii) Mal-applikazzjonijiet għandhom jiġu ppreżentati d-dokumenti li ġejjin:

(a) il-fattura oriġinali maħruġa mill-aġent/negozjant lix-xerrej, li tkun turi l-isem sħiħ u n-numru tal-karta tal-identità tax-xerrej, flimkien man-numru taċ-*chassis* tal-vettura;

(b) kopja taċ-Ċertifikat ta' Konformità, li jkun juri n-numru taċ-*chassis*, l-emissjonijiet CO_2 u l-i*standard* Euro tal-vettura (fejn disponibbli);

(ċ) dokument ta' identifikazzjoni legalment validu tal-applikant jew permess ta' residenza jew ittra maħruġa mill-uffiċċju tal-espatrijazzjoni;

(d) fir-rigward ta' intrapriża li tkun qiegħda tirreġistra vettura N1, il-formola rad-dikjarazzjoni ffirmata skont kif meħtieġ taħt it-Taqsima 8 ta' din l-iskema;

(e) certifikat temporanju maħruġ mill-faċilità ta' trattament awtorizzata li jkun jiċċertifika li l-vettura tkun ġiet meqruda fil-faċilità ta' trattament awtorizzata.

(iii) Applikazzjonijiet taħt din l-iskema, flimkien mad-dokumenti kollha relevanti, għandhom jiġu ppreżentati jew mibgħuta mill-aġent jew negozjant f'isem l-applikant lit-Taqsima tal-Liċenzjar ta' Sewwieqa u Vetturi, Hornworks Ditch, Floriana, Sala Ċ, bejn is-7.30 a.m. u nofsinhar inhar fil-ġranet tax-xogħol, flimkien mad-dokumenti u ċertifikati relevanti l-oħra kollha meħtieġa għar-reġistrazzjoni tal-vettura.

4. Eliġibbiltà

(i) Biex ikun eliġibbli, applikant għandu jkun konformi jew mas-subtaqsima 2.1 jew mas-subtaqsima 2.2 tat-Taqsima 2.

(ii) Biex tikkwalifika, vettura bil-mutur ġdida:

(a) għandha tkun Euro 5b jew Euro 6b kif muri fiċ-Ċertifikat ta' Konformità;

(b) għandu jkollha emissjonijiet CO_2 li ma jeċċedux 150 g/km kif muri fiċ-ċertifikat ta' konformità (dan japplika biss fir-rigward ta' vetturi M1);

(ċ) ma tkunx itwal minn 4,460mm kif muri fiċ-ċertifikat ta' konformità (dan japplika biss fir-rigward ta' vetturi M1);

(d) ma tkunx ġiet reġistrata qabel l-1 ta' Jannar, 2013;

schedule to this scheme and shall contain all the information, details and documents as required in the said form and in terms of this scheme.

(ii) Applications shall be accompanied by the following documents:

(a) the original Invoice issued by the agent/dealer to the purchaser, detailing the full name and identity number of the purchaser, together with the chassis number;

(b) copy of the Certificate of Conformity, detailing the chassis number, CO_2 emissions, length and Euro standard of the vehicle(where available) ;

(c) copy of a legally valid identification document of the applicant or a residence permit or letter issued by the expatriate office;

(d) in the case of an undertaking registering an N1 vehicle, the signed declaration form as required by Section 8 of this scheme;

(e) a temporary destruction certificate issued by the approved destruction facility certifying that the vehicle has been destructed in the approved destruction facility.

(iii) Applications under this scheme, together with all the relevant documents, shall be submitted/sent by the agent or dealer on behalf of the applicant to the Driver and Vehicle Licensing Unit, Hornworks Ditch, Floriana, Hall C, between 7.30 a.m. and noon during working days, together with all other relevant documents required for the registration of the vehicle.

4. Eligibility

(i) To be eligible, an applicant shall conform to either sub-section 2.1 or sub-section 2.2. of Section 2.

(ii) To qualify, a new motor vehicle shall:

(a) be Euro 5b or 6b as certified on the Certificate of Conformity;

(b) have CO_2 emissions which do not exceed 150 g/km as certified on the Certificate of Conformity (applicable for M1 vehicles only);

(c) have a length that does not exceed 4,460mm as certified on the Certificate of Conformity (applicable for M1 vehicles only);

(d) not have been registered before the 1st January, 2013;

(e) tkun għal użu privat fil-każ ta' vettura M1;

(iii) Biex tikkwalifika, vettura li tkun se titneħħa mir-reġistrazzjoni:

(a) jkollha mill-anqas għaxar (10) snin fid-data meta ssir l-applikazzjoni, bl-età tal-vettura tiġi determinata billi missena kalendarja fid-data meta ssir l-applikazzjoni titnaqqas is-sena tal-manifattura murija fiċ-ċertifikat tar-reġistrazzjoni tal-vettura;

(b) għandha tkun irreġistrata jew garaxxjata u nħarġitilha liċenzja mill-Awtorità f'isem l-applikant fid-data tal-applikazzjoni kif ikun juri ċ-ċertifikat tar-reġistrazzjoni tal-vettura jew kif kkonfermat mill-Awtorità;

(ċ) tkun trid tiġi mneħħija mir-reġistrazzjoni qabel ma tiġi rreġistrata l-vettura ġdida;

(d) la darba titneħħa mir-reġistrazzjoni, il-vettura għandha tiġi skrappjata skont id-dispożizzjonijiet tat-Taqsima VIII tar-Regolamenti dwar ir-Reġistrazzjoni u l-Liċenzjar ta' Vetturi bil-Mutur (LS368.02).

(iv) Biex jikkwalifika, applikant ma jridx ikun ibbenefika minn xi għotja konnessa mal-iskemi fuq xiri ta' vetturi li jagħmlu inqas ħsara lill-ambjent li kienu fis-seħħ matul is-snin 2010, 2011 u 2012, u li dehru fil-ħarġiet tal-Gazzetta tal-Gvern tat-12 ta' Novembru, 2010 u tal-1 ta' Diċembru, 2011.

(v) Persuni li rreġistraw vettura M1 ġdida jew N1 ġdida li tissodisfa d-dispożizzjonijiet tat-Taqsima 4(ii) wara l-1 ta' Jannar, 2013 iżda qabel il-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern, tkun ukoll eliġibbli għal din l-iskema kemm-il darba l-vettura li tkun se titneħħa mir-reġistrazzjoni tissodisfa t-Taqsimiet 2 u 4, titneħħila r-reġistrazzjoni fi żmien 30 ġurnata kalendarji mill-pubblikazzjoni ta' din in-Notifikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern, u sakemm li tissodisfa r-rekwiżiti kollha ta' din l-iskema. F'każi bħal dawn, tingħata għotja ta' €500 lis-sid reġistrat tal-vettura l-ġdida.

L-għotja li tingħata lix-xerrej m'għandhiex titqies bħala dħul għall-finijiet tal-*income tax*.

5. Ħlas tal-għotja

Fejn l-applikant jikkwalifika għall-għotja, l-ammont tal-għotja jitnaqqas minn Transport Malta mill-ammont ta' taxxa tar-reġistrazzjoni li tkun dovuta fuq dik il-vettura partikolari li tkun qiegħda tiġi rreġistrata f'isem ix-xerrej. L-ammont li jkun tnaqqas mit-taxxa tar-reġistrazzjoni jiġi kopert permess ta' trasferiment ta' ammont ekwivalenti.

(e) be licensed for private use only in the case of an M1 vehicle;

(iii) To qualify, the motor vehicle to be de-registered shall:

(a) be at least ten (10) years old on the date of application, the age of the vehicle being determined as the calendar year as on the date of application less the year of manufacture as certified on the vehicle registration certificate;

(b) have been registered, garaged or licensed with the Authority in the name of the applicant on the date of application, as shown on the vehicle's registration certificate or as confirmed by the Authority;

(c) be de-registered prior to the registration of the new vehicle;

(d) once de-registered, the motor vehicle shall be destroyed in accordance with the provisions of Part VIII of the Registration and Licensing of Motor Vehicles Regulations (SL368.02).

(iv) To qualify, an applicant shall not have benefitted from the grant schemes on the purchase of more environment-friendly cars which were in force in 2010, 2011 and 2012, namely those published in the Government Gazette of the 12th November, 2010 and of the 1st December, 2011

(v) Persons who have registered a new M1 or N1 vehicle which satisfies the provisions of Section 4(ii) after the 1st January 2013 but before the publication of this notice in the Government Gazette, shall also be eligible for this scheme provided that the vehicle to be de-registered which satisfies Section 2 and Section 4, is de-registered within 30 calendar days from the publication of this Notice in the Government Gazette, and provided that it meets all other requirements of this scheme. In such cases, a grant equal to €500 will be issued to the registered owner of the new vehicle.

The grant given to the purchaser shall not be assessed as income for income tax purposes.

5. Payment of Grant

Where an applicant qualifies for the grant, the grant shall be deducted by Transport Malta from the total amount of registration tax due on that particular vehicle being registered in the name of the purchaser. The registration tax will then be topped up with the equivalent amount by means of a transfer.

6. Validità tal-applikazzjoni

Applikazzjoni ma titqiesx li tkun ġiet ippreżentata mill-applikant kemm-il darba din ma tkunx ġiet mimlija b'mod sħiħ u ma jkunux ġew ippreżentati magħha d-dokumenti kollha relevanti. Jekk l-applikazzjoni ma tiġix mimlija korrettement u ma jkollhiex magħha d-dokumenti relattivi, it-talba għall-għotja ma tiġix proċessata sakemm ma tiġix ipprovduta l-informazzjoni li tkun nieqsa. L-Awtorità għandha tikteb lill-applikant dwar l-informazzjoni li tkun meħtieġa.

7. Rifużjoni tal-għotja jekk il-vettura tiġi ttrasferita

Il-vettura ġdida mixtrija mill-applikant għall-għotja għandha tibqa' reġistrata f'ismu għal perjodu ta' mill-anqas sitta u tletin (36) xahar mid-data tal-ewwel reġistrazzjoni. Jekk is-sid reġistrat ta' vettura ġdida li għaliha jkun ingħata għotja taħt din l-iskema jittrasferixxi, għal xi raġuni li ma jkunx trasferiment *causa mortis* lil xi werriet, l-imsemmija vettura lil terza persuna qabel jiskadi l-perjodu ta' sitta u tletin xahar, hu jkun irid irodd lura l-għotja netta li jkun irċieva lill-Awtorità.

8. Regoli applikabbli għal Għajnuna Statali u obbligi

8.1 Fejn l-applikant huwa intrapriża, din l-Iskema qed tigi implimentata b'konformità mar-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 1998/2006 tal-15 ta' Diċembru, 2006 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat għall-Għajnuna *de minimis*, Ġurnal Uffiċjali L379 tat-28 ta' Diċembru, 2006, u kif jista' jkun emendat sussegwentement (*link* hawn taħt).

http://eurlex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=OJ:L:2006:379:0005:0010:en:PDF

Taħt dan ir-regolament, intrapriża tista' tirċievi ammont massimu aggregat ta' €200,000 skont il-miżuri kollha ta' għajnuna *de minimis* fuq perjodu ta' 3 snin fiskali konsekuttivi. Dan il-limitu massimu aggregat japplika fil-prinċipju għas-setturi ekonomiċi kollha bl-eċċezzjoni tat-trasport, agrikultura u sajd li għalihom japplikaw limiti u kriterji differenti. Il-fraži 'intrapriża' tinkludi wkoll il-kumpanniji kollha li jkunu fi grupp (li jaqgħu taħt il-pussess dirett jew indirett, jew taħt il-kontroll tal-istess kumpannija omm) u sħab releventi u intrapriżi marbuta kif imfisser fl-Anness 1 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru. 800/2008.

Dan il-perjodu jkopri s-sena fiskali konċernata kif ukoll is-sentejn fiskali preċedenti. 'Sena fiskali' tfisser is-sena fiskali kif użata għall-finijiet ta' taxxa mill-intrapriża konċernata.

6. Validity of application

An application shall not be deemed to have been submitted by the applicant unless it is completed in full and is accompanied by all the relevant documents. If the application is not completed correctly and the relevant documents are not included, the claim for the grant shall not be processed unless the missing information is provided. The Authority shall write to the applicant and advising him of the information required.

7. Refund of grant if the vehicle is transferred

The new motor vehicle purchased by the applicant for the grant shall remain registered in his name for a period of at least thirty-six (36) months from the date of first registration. If the registered owner of a new motor vehicle on which a grant has been provided under this scheme transfers the said vehicle, for any reason other than a transfer *causa mortis* to a heir, to a third party before the expiry of the thirty-six month period, then that person shall refund the net grant received to the Authority.

8. Applicable State Aid Rules and Obligations

8.1 Where the applicant is an undertaking, this Scheme is being implemented in line with Commission Regulation (EC) No 1998/2006 of 15th December, 2006 on the application of Articles 87 and 88 of the Treaty to *de minimis* aid, Official Journal L379 of 28th December, 2006, as may be subsequently amended (link below).

http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=OJ:L:2006:379:0005:0010:en:PDF

Under this regulation an undertaking may receive an aggregate maximum amount of €200,000 under all *de minimis* aid measures over a period of three consecutive fiscal years. This aggregate maximum threshold applies in principle to all economic sectors with the exception of the road transport sector for which a lower threshold of €100,000 over a period of three consecutive fiscal years applies. The term 'undertaking' includes also all companies in a group (which fall under the direct or indirect ownership or control of the same ultimate parent company) and relevant partner and linked enterprises as defined in Annex I of Commission Regulation (EC) No. 800/2008.

This period covers the fiscal year concerned as well as the previous two fiscal years. 'Fiscal year' means the fiscal year as used for tax purposes by the undertaking concerned.

Dan il-limitu massimu jinkludi kull għajnuna statali mogħtija taħt din l-iskema u kull miżura ta' għajnuna statali oħra mogħtija taħt ir-regoli ta' de minimis inkluża kull għajnuna mogħtija minn xi entità oħra. Kull għajnuna de minimis li teċċedi il-limitu massimu stabbilit, għandha tkun irkuprata, bl-interessi, mill-intrapriża li qed tirċievi l-għajnuna.

This maximum threshold would include all State aid granted under this scheme and any other *de minimis* aid measure implemented under the *de minimis* rule by any entity. Any *de minimis* aid received in excess of the established threshold will have to be recovered, with interest, from the undertaking receiving the aid.

Il-formola ta' dikjarazzjoni *de minimis* għandha timtela u tiġi sottomessa mill-intrapriża u għandha tiġi ppreżentata flimkien mal-formola tal-applikazzjoni.

The *de minimis* declaration form attached to this Scheme must be filled in by the undertaking and submitted together with the application form.

8.2 Din l-iskema hi regolata mir-regolamenti ta' de minimis u għaldaqstant l-inċentiv ma japplikax għal dawn li ġejjin:

8.2 This Scheme is governed by the *de minimis* regulations and therefore the incentive will not apply to the following:

a) Għajnuna mogħtija lil applikanti fl-oqsma ta' sajd u setturi ta' akkwakultura kif imsemmi fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 104/2000;

b) Għajnuna mogħtija lil applikanti fil-produzzjoni primarja ta' prodotti agrikoli kif elenkat f'Anness 1 tat-Trattat;

c) Għajnuna mogħtija lil applikanti involuti fl-ipproċessar u promozzjoni ta' prodotti agrikoli kif elenkat f'Anness 1 tat-Trattat, u fil-każi li ġejjin:

a) Aid granted to undertakings active in the fishery and aquaculture sectors as covered by Council Regulation (EC) No. 104/2000;

b) Aid granted to undertakings active in the primary production of agricultural products as listed in Annex 1 to the Treaty;

c) Aid granted to undertakings active in the processing and marketing of agricultural products as listed in Annex 1 to the Treaty, in the following cases:

i. meta l-ammont tal-għotja jkun fiss a bażi ta' prezz jew kwantità tal-imsemmija prodotti mixtrija minn produtturi primarji jew imressqa fis-suq mill-intrapriża konċernati;

i. when the amount of the aid is fixed on the basis of the price or quantity of such products purchased from primary producers or put on the market by the undertakings concerned;

ii. f'każ fejn l-għajnuna tkun marbuta bil-kundizzjoni li tiġi parzjalment jew kompletament mgħoddija lil produtturi primarji;

ii. when the aid is conditional on being partly or entirely passed on to primary producers;

d. Għajnuna lill-attivitajiet relatati ma' esportazzjoni lejn terzi pajjiżi jew Stati Membri, primarjament għajnuna relatata direttament lejn l-ammonti esportati, lejn l-istabbiliment u l-operazzjoni tan-netwerk tad-distribuzzjoni jew ta' spejjeż kurrenti oħra relatati mal-attività ta' esportazzjoni;

d. Aid to export-related activities towards third countries or Member States, namely aid directly linked to the quantities exported, to the establishment and operation of a distribution network or to other current expenditure linked to the export activity;

e. Għajnuna assoċjata mal-użu ta' prodotti domestiċi fuq dawk impurtati;

e. Aid contingent upon the use of domestic over imported goods;

f. Għajnuna għall-akkwist ta' vetturi li jintużaw għall-ġarr stradali tal-merkanzija, mogħtija lil intraprizi li jittrasportaw il-merkanzija fuq l-art b'kiri jew b'kumpens.

f. Aid for the acquisition of road freight transport vehicles granted to undertakings performing road freight transport for hire or reward.

8.3 Intrapriżi f'diffikultajiet li jingħataw għajnuna skont il-Linji Gwida tal-Komunità dwar Għajnuna Statali biex jiġu salvati u ristrutturati ditti f'diffikultà, Ġurnal Uffiċjali C244, 01.10.2004, huma eskluzi milli jibbenefikaw minn assistenza taħt din l-iskema.

8.3 Undertakings in difficulty granted aid in terms of Community Guidelines on State aid for rescuing and restructuring firms in difficulty, Official Journal C244, 01.10.2004, are excluded from benefiting from assistance under this incentive.

8.4 Għajnuna mogħtija taħt din l-iskema tista' tiġi kkumulata ma' għajnuna oħra taħt din l-iskema, jew ma' xi finanzjament Komunitarju ieħor, relatat mal-istess nefqa

8.4 Aid granted under this incentive may only be cumulated with other aid under any other incentive, or with other Community funding, in relation to the same item of

sakemm l-ammont ma jeċċedix il-massimu li hu stabbilit għal din l-iskema.

8.5 Dawk li jibbenefikaw mill-iskema huma obbligati li jżommu l-informazzjoni kollha li tappartjeni għall-għajnuna mogħtija taħt din l-inċentiva għal perjodu ta' mhux anqas minn għaxar snin mid-data ta' meta tingħata l-għajnuna.

Skont ir-regolament de minimis ikkwotat hawn fuq, l-għajnuna ma tistax tiġi kkumulata ma' Għajnuna Statali fuq l-istess tip ta' spejjeż eliġibbli jekk l-ammont jirriżulta li jeċċedi l-intensità tal-għajnuna ffissata f'ċirkustanzi speċifiċi ta' kull każ permezz ta' regolament ta' eżenzjoni jew deċiżjoni addottata mill-Kummissjoni Ewropea.

9. Tul tal-iskema

Din l-iskema tibqa' fis-seħħ għal perjodu massimu ta' tnax-il xahar li jibdew fl-1 ta' Jannar, 2013 sakemm din l-iskema ma tiġix modifikata jew mitmuma qabel iż-żmien permezz ta' Notifikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern. L-iskema tiġi tterminata b'mod awtomatiku meta jkun hemm 1,000 applikant eliġibbli li jkunu bbenefikaw minn din l-iskema. Madankollu, il-Ministru jista' jittermina l-iskema fi kwalunkwe żmien permezz ta' Notifikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern.

L-iskema tista' tiġġedded kif jitqies li hu meħtieġ mill-Ministru permezz ta' Notifikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern.

10. Emendi għall-iskema

Il-Ministru għall-Finanzi jkollu d-dritt li jagħmel kull tibdil f'din l-iskema permezz ta' Notifikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern.

11. Talbiet b'qerq

Jekk jinstab li talbiet għall-għotja jkunu saru b'qerq, il-Ministeru għall-Finanzi jista' jistitwixxi proċeduri kriminali kontra dawk responsabbli. Fil-każ li jkun sar ħlas żbaljat għal talba, il-Ministeru għall-Finanzi jirriserva d-dritt li jirkupra l-flus imħallsa bi żball.

12. Rifużjonijiet tal-VAT

Persuni li jirċievu għotja taħt din l-iskema ma jkunux eliġibbli għal xi rifużjoni mill-VAT fuq ix-xiri tal-vettura ġdida li għaliha tkun ingħatat l-għotja.

Skeda

Ara l-formola ta' applikazzjoni f'paġna 7835.
Ara l-formola ta' dikjarazzjoni *de minimis* f'paġna 7841.

Il-11 ta' Ġunju, 2013

expenditure as long as such accumulation does not exceed the gross aid intensity fixed for this scheme.

8.5 Beneficiaries shall be required to retain all records pertaining to the aid granted under this incentive for a period of not less than 10 years from the date when aid is granted.

In terms of the *de minimis* regulation quoted above, assistance shall not be cumulated with State Aid in respect of the same eligible costs if such accumulation would result in an aid intensity exceeding that fixed in the specific circumstances of each case by a block exemption regulation or decision adopted by the European Commission.

9. Duration of scheme

This scheme shall remain in force for a maximum period of twelve months beginning on the 1st January, 2013 unless modified or terminated beforehand by a Notice in the Government Gazette. The scheme shall be automatically terminated when 1,000 eligible applicants have benefited from this grant scheme. Notwithstanding, Government may terminate the scheme at any time by giving prior notice in the Government Gazette.

The scheme may be renewed as deemed necessary by the Minister by a Notice in the Government Gazette.

10. Amendments to the scheme

The Minister for Finance shall have the right to make any amendments to this scheme by a Notice in the Government Gazette.

11. Fraudulent claims

Where a fraudulent claim arises, the Ministry for Finance may institute criminal proceedings against those responsible. In the event of an incorrect payment of a claim, the Ministry for Finance reserves the right to recover funds paid in error.

12. VAT refunds

Persons who receive a grant under this scheme shall not be eligible for any VAT refunds on the purchase of the new vehicle on which such a grant has been paid.

Schedule

See application form on page 7843.
See *de minimis* declaration form on page 7849.

11th June, 2013

Għotja mill-Gvern fuq xiri ta' vetturi li jagħmlu inqas ħsara lill-ambjent

Transport Malta

FORMOLA TAL-APPLIKAZZJONI – SKEMA TA' SKRAPPJAR 3

Għal użu uffiċjali biss ta' Transport Malta							
Nru tal-fajl:		Numru tal-applikazzjoni:		Data li fiha waslet:	Jum	Xahar	Sena
Eliġibbiltà tal-applikazzjoni – għandhom jiġu vverifikati d-dettalji * (timtela meta ssir il-verifika)							
Eliġibbli ☐		Mhix eliġibbli ☐					
Uffiċjal (isem sħiħ b'ittri kbar):		Timbru:		Firma:			
Rimarki:							

Jekk jogħġbok aqra l-informazzjoni qabel timla l-formola.

Din il-formola ta' applikazzjoni għandha timtela kollha kemm hi jew min-negozjant jew mill-aġent jew mix-xerrej u tiġi ffirmata kif xieraq mit-tnejn.

Il-formola ta' applikazzjoni, bit-Taqsimiet A sa E mimlija kif imiss, għandha tiġi ppreżentata jew min-negozjant jew mill-aġent jew mix-xerrej, fit-Taqsima Liċenzjar tal-Vetturi, l-Awtorità għat-Trasport f'Malta, Hornworks Ditch, Floriana, Sala Ċ, bejn is-7.30am u t-3.00pm fil-ġranet tax-xogħol, għall-verifika tal-eliġibbiltà. Fil-ħin tar-reġistrazzjoni tal-vettura, il-formola ta' applikazzjoni għandha tiġi ppreżentata, mimlija kollha kemm hi (kompriżi t-Taqsimiet F u G) fit-Taqsima Liċenzjar tal-Vetturi, l-Awtorità għat-Trasport f'Malta, fl-istess indirizz. Magħha għandu jiġi ppreżentat ukoll kull dokument relevanti.

Din l-iskema tintemm awtomatikament meta 1,000 applikant eliġibbli jkunu bbenefikaw minn din l-iskema. Madankollu, il-Gvern jista' jittermina l-iskema f'kull ħin billi jagħti avviż bil-quddiem.

Applikant ikun eliġibbli għall-għotja biss jekk:

- hu/hi jkun/tkun residenti f'Malta;
- hu/hi jkollu/jkollha vettura li għandha 10 snin jew aktar qabel is-sena li tkun tidher fl-applikazzjoni għall-għotja u li kienet diġà reġistrata u b'liċenzja f'ismu/f'isimha qabel it-28 ta' Novembru, 2012 ma' Transport Malta. L-età tal-vettura tiġi kalkulata mis-sena tal-manifattura;
- jew ma kellux/kellhiex vettura bil-mutur (kategorija M1 jew N1) reġistrata u garaxxjata jew b'liċenzja f'ismu/f'isimha mal-Awtorità fit-28 ta' Novembru, 2012, imma li wara dik id-data jkun/tkun akkwista/akkwistat u rreġistra/irreġistrat, iggaraxxja/iggaraxxjat jew illiċenzja/illiċenzjat f'ismu/f'isimha mal-Awtorità vettura tal-istess kategorija li jkollha 10 snin mis-sena tal-manifattura, iżda dik il-vettura tkun trid titneħħa mir-reġistrazzjoni fil-ħin li tiġi reġistrata l-vettura ġdida;
- hu/hi jixtri/tixtri vettura Euro 5b jew 6b;

- hu/hi ma jkunx/tkunx ibbenefika/ibbenfikat minn għotja taħt l-iskema ta' xiri ta' vettura li tagħmel inqas ħsara lill-ambjent li kienet pubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tat-12 ta' Novembru, 2010 u/jew tal-1 ta' Diċembru, 2011.

Kull persuna eliġibbli tkun intitolata għal għotja waħda biss taħt din l-iskema.

Protezzjoni tad-Dejta:
L-informazzjoni mogħtija f'din il-formola ta' applikazzjoni tintuż biex tiġi proċessata l-applikazzjoni u tintwera biss lill-Awtorità għat-Trasport f'Malta (Transport Malta), fejn tkun meħtieġa l-konferma ta' ċerti dettalji, jew lill-Pulizija fejn jirriżulta li l-applikazzjoni jkun fiha informazzjoni falza jew qarrieqa.

<u>It-Taqsimiet A sa E għandhom jimtlew qabel il-verifika tal-eliġibbiltà</u>

TAQSIMA A – Dettalji tal-applikant jew tal-intrapriża (skont il-każ)

Taqsima A1	**Dettalji tal-Applikant**
Isem:	
Kunjom:	
Nru tal-Karta tal-Identità:	
Indirizz:	
Nru tal-mowbajl:	
Nru tat-telefon:	

Taqsima A2	**Dettalji tal-intrapriża (jekk applikabbli)**
Isem il-intrapriża:	
Nru tar-Reġistrazzjoni:	
Isem:	
Kunjom:	
Nru tal-Karta tal-Identità:	
Indirizz tal-intrapriża:	
Nru tal-mowbajl:	
Nru tat-telefon:	

TAQSIMA B – Eliġibbiltà tal-applikant

L-applikant huwa persuna residenti f'Malta li se jneħħi mir-reġistrazzjoni vettura użata li għandha mill-anqas 10 snin u li kienet diġà reġistrata f'ismu ma' Transport Malta qabel it-28 ta' Novembru, 2012	☐
Jew	
L-applikant ma kellux vettura bil-mutur (kategorija M1 jew N1) reġistrata u garaxxjata jew b'liċenzja f'ismu maħruġa minn Transport Malta fit-28 ta' Novembru, 2012, iżda huwa akkwista u rreġistra, iggaraxxja jew illiċenzja f'ismu mal-Awtorità vettura tal-istess kategorija li għandha mill-inqas 10 snin mis-sena tal-manifattura, iżda li r-reġistrazzjoni tagħha tiġi mħassra fil-ħin tar-reġistrazzjoni tal-vettura ġdida	☐

TAQSIMA Ċ – Dettalji tal-Aġent jew Negozjant
(Tapplika biss fejn l-importatur huwa 'aġent' jew 'negozjant')

'Aġent' jew 'negozjant' tfisser persuna jew entità awtorizzata biex timporta, tbiegħ jew tixtri vetturi bil-mutur

Isem:	
Indirizz:	
Nru tal-Karta tal-Identità:	
Indirizz:	
Persuna li tista' tiġi kuntattjata:	
Emajl:	
Nru tal-mowbajl:	
Nru tat-telefon:	
Nru tat-*Trial Run*: *(jekk applikabbli)*	

TAQSIMA D – Dettalji tal-vettura li tneħħitilha r-reġistrazzjoni

L-applikant għandu jħassar ir-reġistrazzjoni tal-vettura ma' Transport Malta u għandu jipprovdi prova li l-vettura ġiet distrutta f'faċilità ta' trattament awtorizzata qabel ma ssir ir-reġistrazzjoni tal-vettura ġdida li tkun inxtrat.

Għamla:	
Mudell:	
Nru tar-reġistrazzjoni tal-vettura:	
Sena tal-manifattura:	

Data tar-reġistrazzjoni f'isem l-applikant:	Jum	Xahar	Sena
Tneħħija mir-reġistrazzjoni ***(timtela meta ssir ir-reġistrazzjoni)***			
Data tat-tneħħija mir-reġistrazzjoni:	Jum	Xahar	Sena
Post fejn ġiet depożitata:			
Indirizz:			

TAQSIMA E – Dettalji tal-vettura ġdida

Il-vettura mixtrija mill-applikant mingħand aġent jew negozjant għandha tkun vettura ġdida, jiġifieri vettura M1 jew N1 li qatt ma kienet reġistrata qabel f'xi pajjiż u dik il-vettura għanda tiġi reġistrata ma' Transport Malta f'isem l-applikant.

Data tax-xiri:		
Għamla:		
Mudell:		
Standard Euro:	5b ☐	6b ☐
Emissjonijiet CO_2 (g/km): (applikabbli biss għall vetturi M1)		
Tul (mm): (applikabbli biss għal vetturi M1)		
L-ogħla massa awtorizzata (kg): (applikabbli biss għal vetturi N1)		
Numru tax-xażi tal-vettura:		*(timtela meta tiġi reġistrata l-vettura)*
Nru tar-reġistrazzjoni tal-vettura:		
L-għotja li għaliha ntitolat:	**€ 500**	

<u>It-Taqsima F għandha timtela qabel ma tiġi rreġistrata l-vettura ġdida</u>

TAQSIMA F – Dikjarazzjoni

Fejn jirriżulta li talba saret b'qerq, il-Ministeru tal-Finanzi jista' jipproċedi kriminalment kontra dawk responsabbli. F'każ li jsir ħlas mhux korrett bħala għotja, il-Ministeru tal-Finanzi jirriserva d-dritt li jiġbor lura l-flus imħallsa bi żball.

Aġent jew negozjant (bejjiegħ):

(Applikabbli biss meta l-importatur huwa aġent jew negozjant)

Jien hawn niddikjara li biegħet vettura ġdida, li d-dettalji tagħha jidhru taħt it-Taqsima E hawn qabel, lill-applikant, li d-dettalji tiegħu jidhru fit-Taqsima A, u jiena qiegħed napplika f'ismu/f'isimha għall-għotja li qiegħda tintalab taħt it-Taqsima E. Dan l-ammont diġà naqqastu jien mill-prezz totali tal-bejgħ tal-vettura fil-waqt tax-xiri mix-xerrej. Nifhem li jien se nirċievi f'rifużjoni l-€500 mingħand Transport Malta f'isem il-Gvern.

Jien hawn niddikjara wkoll li l-istqarrijiet magħmula u l-informazzjoni mogħtija f'din l-applikazzjoni huma tajbin u veri.

Nifhem li l-għoti ta' informazzjoni falza jew li tiżgwida b'konnessjoni ma' din l-applikazzjoni jikkostitwixxi reat gravi.

Isem sħiħ *(ittri kbar)*:				
F'isem *(isem l-applikant)*:				
Firma:				
Data:	Jum	Xahar	Sena	

L-applikant (ix-xerrej):
(Applikabbli wkoll fejn il-vettura ġiet impurtata jew miġjuba mix-xerrej)

Jien niddikjara li xtrajt vettura ġdida, li d-dettalji tagħha jidhru taħt it-Taqsima E hawn qabel, mingħand l-aġent/negozjant li d-dettalji tiegħu jidhru fit-Taqsima Ċ, li qiegħed japplika f'ismi għall-għotja li qiegħda tintalab taħt it-Taqsima E u li se tintradd direttament lilu minn Transport Malta f'isem il-Gvern

Jien nikkonferma li l-ammont li qiegħed jintalab f'forma ta' għotja taħt it-Taqsima E diġà tnaqqas mill-bejjiegħ mill-prezz totali tal-bejgħ tal-vettura filwaqt tax-xiri tal-vettura (mhix applikabbli fejn il-vettura ġiet impurtata jew miġjuba direttament mix-xerrej).

Jien nifhem u naċċetta illi jekk jien nittrasferixxi l-vettura lil terzi jew jekk nittrasferixxi lura fuq ismi l-vettura negozjata qabel jiskadi l-perjodu ta' tliet snin mid-data ta' din l-applikazzjoni, jien ikolli nrodd lura l-għotja sħiħa lill-Awtoritá.

Jien nifhem ukoll li l-għoti ta' informazzjoni falza jew qarrieqa b'konnessjoni ma' din l-applikazzjoni jikkostitwixxi reat gravi u jista' jirriżulta fil-ħtieġa li nħallas lura l-għotja kollha.

Isem sħiħ *(ittri kbar)*:				
F'isem *(isem l-applikant/intrapriża)*:				
Firma:				
Data:	Jum	Xahar	Sena	

Dokumenti

Jekk jogħġbok żgura li d-dokumenti li ġejjin jiġu preżentati flimkien ma' din il-formola ta' applikazzjoni:

Kopja tal-Karta tal-Identità tal-persuna li xtrat il-vettura ġdida u li qiegħda tapplika għall-għotja taħt din l-iskema jew kopja tal-permess tar-residenza jew kopja tal-ittra maħruġa mill-uffiċċju tal-espatrijazzjoni fil-Ministeru għall-Affarijiet Barranin	☐
Kopja taċ-ċertifikat temporanju tat-tkissir tal-vettura maħruġ minn faċilità ta' trattament awtorizzata	☐
Dikjarazzjoni mix-xerrej li huwa rċieva l-għotja ta' €500 mingħand Transport Malta (fejn ix-xerrej ikun importa jew ġab il-vettura huwa stess)	☐
Fattura maħruġa min-negozjant jew mill-aġent li turi l-isem, il-kunjom u n-numru tal-karta tal-identità tal-persuna jew tal-intrapriża li xtrat il-vettura ġdida, in-numru tax-xażi tal-vettura ġdida u l-prezz tal-bejgħ sħiħ	☐
Dikjarazzjoni min-negozjant jew mill-aġent biex jikkonferma li l-vettura nbiegħet lix-xerrej skont il-fattura	☐

Jekk ix-xerrej ikun intrapriża tkun meħtieġa formola ta' dikjarazzjoni skont it-taqsima 8 tal-avviż pubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern. Din id-dikjarazzjoni għandha timtela u tiġi mehmuża ma' din l-applikazzjoni. Kopja tal-imsemmija formola tinkiseb mingħand Transport Malta, inkluż mill-*website* tagħha.

DIKJARAZZJONI DWAR GĦAJNUNA MILL-ISTAT *(DE MINIMIS)*
Għotja mill-Gvern fuq xiri ta' vetturi li jagħmlu inqas ħsara lill-ambjent

Nru ta' Referenza ta' TM: …….

Jekk l-applikazzjoni li ġiet ippreżentata tiġi approvata, il-proġett jibbenefika minn għajnuna tal-Istat *de minimis* skont ir-*Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru. 1998/2006 tal-15 ta' Diċembru, 2006 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat għall-Għajnuna de minimis*.

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru. 1998/2006 jippermetti li intrapriża tirċievi ammont massimu aggregat f'għajnuna *de minimis* ta' €200,000 taħt kull miżura ta' għajnuna *de minimis*, fuq perjodu ta' tliet snin fiskali. Dan il-limitu massimu aggregat huwa applikabbli fil-prinċipju għas-setturi ekonomiċi kollha ħlief għas-settur tat-trasport stradali li għalih hemm limitu aktar baxx ta' €100,000 fuq perjodu ta' tliet snin fiskali konsekuttivi. Is-setturi tal-biedja u s-sajd huma soġġetti għal limiti u kriterji differenti. Għall-fini ta' din id-dikjarazzjoni l-fraża 'impriża' tinkludi wkoll kumpanniji li huma, direttament jew indirettament, tal-istess kumpannija prinċipali jew li huma kontrollati mill-istess kumpannija prinċipali, kif ukoll intrapriżi 'msieħba' u 'relatati' relevanti kif imfissra fl-Anness I tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 800/2008. Barra minn hekk 'sena fiskali' tfisser is-sena fiskali kif użata għall-finijiet ta' taxxa mill-intrapriża konċernata.

Il-limitu massimu jkun jinkludi l-għajnuna Statali kollha mogħtija taħt din l-iskema u kull miżura oħra ta' għajnuna Statali mogħtija taħt ir-regola tad-*de minimis*. Kull għajnuna *de minimis* mogħtija li teċċedi l-limitu stabbilit għandha tkun irkuprata, bl-interess, mingħand l-intrapriża li tkun qiegħda tirċievi l-għajnuna.

Dan li ġej huwa elenku tal-forom possibbli ta' għajnuna Statali:

- Għajnuniet minn korpi pubbliċi
- Self jew garanziji ta' self b'rati favorevoli
- Benefiċċji tat-taxxa
- Rinunzja jew differiment ta' drittijiet jew interessi li jkunu normalment dovuti
- Assistenza dwar il-*marketing* u r-riklamar
- Konsulenza, taħriġ u sapport ieħor provdut bla ħlas jew b'rata mnaqqsa
- Għajnuna għal investiment fi proġetti jew riċerka u assistenza għall-iżvilupp
- Xiri jew kiri ta' proprjetà mmobbli b'rata li tkun inqas minn dik tas-suq.

Kull għajnuna minn korp pubbliku tista' potenzjalment tikkostitwixxi għajnuna Statali. Jekk ikollok xi dubji dwar jekk għajnuna pubblika li tirċievi hijiex għajnuna *de minimis*, int għandek tikkuntattja lill-aġenzija jew dipartiment li mingħandu tkun irċevejt l-għajnuna biex tiżgura jekk hijiex għajnuna *de minimis* jew le.

DIKJARAZZJONI

Niddikjara li ammont komprensiv ta' għajnuna *de minimis* li rċevejt s'issa matul is-sena fiskali kurrenti u matul is-sentejn fiskali ta' qabel din kien ta':

2.2 The selected candidate's basic salary will be supplemented by a remuneration package, details of which can be obtained from the DES website: (https://www.education.gov.mt/vacancies.aspx) or from the Customer Care Office, Directorate for Educational Services, Triq l-Assedju il-Kbir, Floriana VLT 2000, or the Education Office, Triq Fortunato Mizzi, Victoria, Gozo VCT 2000. Other conditions of work, including school holidays, leave etc are also available from the sources mentioned in this paragraph.

2.3 Il-ħatra, li tkun bi prova għal sentejn, hija *full-time* u taqa' taħt ir-regoli u r-regolamenti li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, kif ukoll regolamenti li jkunu fis-seħħ fid-Direttorat għal Servizzi Edukattivi (DSE) u tinvolvi li persuna tista' tiġi ttrasferita skont l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku ta' Malta.

2.4 Il-persuna magħżula tidħol f'ħidma ta' sentejn (2), sabiex isservi bħala Għalliem/a fl-imsemmija skola, liema perjodu jista' jiġġedded għal perjodu ta' tliet (3) snin, li jista' jiġġedded għal perjodu ieħor ta' erba' (4) snin. Il-ħidma tkun bi prova għal perjodu ta' sentejn (2). Il-perjodu totali tal-ħidma barra minn Malta ma jistax ikun ta' aktar minn disa' (9) snin u jista' jiġi tterminat fi kwalunkwe żmien għal raġuni valida mid-Direttur tal-Iskejjel Ewropej u l-Ispettur nazzjonali skont l-arranġamenti tar-Regolamenti ta' Implimentazzjoni tal-istess skejjel Ewropej.

2.5 Il-pakkett imsemmi f'paragrafu 2.2 huwa strettament marbut mat-twettiq tad-dmirijiet ta' Għalliem/a fl-Iskola Ewropea ta' Lussemburgu, liema pakkett ma jibqax jitħallas hekk kif il-ħidma tal-persuna magħżula tispiċċa jew tiġi tterminata.

2.6 Jekk il-persuna magħżula ma tkunx Uffiċjal Pubbliku fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, tinħatar fil-grad sostantiv ta' Għalliem/a fid-Direttorat għas-Servizzi Edukattivi u fl-istess waqt li tkun qiegħda isservi perjodu ta' prova ta' sentejn (2) (ara paragrafu 2.4) hija tkun meħtieġa li sservi perjodu ta' prova ta' sena (1) fl-imsemmi grad sostantiv. Jekk ma tiġix ikkonfermata fl-imsemmi Grad sostantiv, l-impieg tagħha mad-Direttorat għas-Servizzi Edukattivi kif ukoll mal-Gvern ta' Malta jintemm. Iżda, jekk tiġi kkonfermata fil-Grad sostantiv iżda l-ħidma tagħha tispiċċa jew tiġi tterminata, hija terġa' tassumi d-dmirijiet ta' Għalliem/a skont l-esiġenzi lokali tad-DSE u tas-Servizz Pubbliku ta' Malta.

2.7 Kundizzjonijiet u proċeduri rigward l-aċċettazzjoni għall-post ta' Għalliem, jinsabu fuq: (https://www.education.gov.mt/acceptanceteacher.aspx) jew jinkisbu mis-sezzjoni tal-*Customer Care*, id-Direttorat għal Servizzi Edukattivi, Triq l-Assedju l-Kbir, Floriana, VLT 2000 jew mill-Uffiċċju tal-Edukazzjoni, Triq Fortunato Mizzi, ir-Rabat, Għawdex, VCT 2000. japplikaw, jekk u meta l-persuna magħżula, li ma tkunx uffiċjal pubbliku tiġi kkuntattjata mid-DSE.

2.8 Il-persuna magħżula tkun eliġibbli biex tapplika għal postijiet/pożizzjonijiet u tibqa' żżomm id-drittijiet ta' progressjoni kif stipulat fil-ftehim kollettiv għall-gradi tal-għalliema. Is-servizz mogħti fl-Iskola Ewropea ta' Lussemburgu, jiġi kkunsidrat bħala esperjenza ta' tagħlim u, b'konsegwenza ta' hekk, il-persuna magħżula tibqa' żżomm id-drittijiet kollha tal-grad sostantiv tagħha.

2.3 The appointment, which is subject to a probationary period of one year, is on a full-time basis and is subject to the rules and regulations governing from time to time the Malta Public Service in general and the Directorate for Educational Services (DES) in particular, and involves liability to deployment according to the exigencies of the Malta Public Service.

2.4 A selected candidate will be given a two (2) year assignment, to serve as a Teacher at the said school, which can be renewed for a further three (3) year period renewable for a further four (4) year period. The assignment will be subject to a two-year probationary period. The total period of assignment abroad may not be more than nine (9) years and may be terminated at any time for a valid reason by the Director of the European School and the national Inspector in accordance with the arrangements laid down in the Implementing Regulations.

2.5 The remuneration package indicated in paragraph 2.2 is strictly tied to the duties to be performed at the European School Luxembourg II and as such it will cease to be paid when the assignment of the selected officers ends or is terminated.

2.6 If a selected candidate is not a serving public officer in the Maltese Public Service, s/he shall be appointed in the substantive grade of Teacher in the Directorate for Educational Services and concurrently with the above-mentioned two-(2)-year probationary period on the assignment (see paragraph 2.4) will also be required to complete a probationary period of one (1) year in the said substantive grade. If not confirmed in the said substantive Grade his/her employment with the Directorate for Educational Services as well as with the Maltese Government will be discontinued. However, if confirmed in the said substantive Grade but his/her assignment ends or is terminated, he/she will resume teaching duties according to the local exigencies of the DES and the Malta Public Service.

2.7 Conditions and procedures regarding the acceptance for the post of Teacher, which can be accessed via: (https://www.education.gov.mt/acceptanceteacher.aspx) or obtained from the Customer Care Section, Triq l-Assedju il-Kbir, Floriana, VLT 2000 or from the Education Office, Triq Fortunato Mizzi, Victoria, Gozo VCT 2000, will apply, if and when a successful candidate, who is not a public officer, is contacted by the DES.

2.8 A selected candidate will be eligible to apply for posts/positions and will retain progression rights as stipulated in the collective agreement for teaching grades. Service performing duties at the European School Luxembourg II will be considered as teaching experience and consequently the selected candidate will retain all rights of his/her substantive grade.

Dmirijiet

3. Id-dmirijiet ġenerali tal-Għalliem/a maħtur/a jkunu jinkludu li:

tgħallem u teduka studenti skont linji gwida pprovduti mid-Direttur tal-iskola, kif ukoll taqdi doveri oħra mitluba minnha li jkunu neċessarji għall-funzjoni xierqa tal-iskola;

tgħallem u teduka studenti skont il-ħtiġiet edukattivi, l-abbiltajiet u l-potenzjal tagħhom individwali skont kif fdati f'idejha mid-Direttur tal-Iskola jew il-Kap tad-Dipartiment li taqa' taħtu;

fl-aħjar interess tal-funzjoni xierqa tal-iskola, u biex it-tagħlim ikun effettiv, il-persuna magħżula tista' tintalab, wara li jkun ittieħed il-parir tal-ispettur nazzjonali, biex tgħallem suġġett ieħor li jkun relatat ma' dak/dawk li l-persuna magħżula tkun speċjalizzat fih/fihom.

dmirijiet oħra skont l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku skont struzzjonijiet mogħtija mis-Segretarju Permanenti Ewlieni.

Aktar dettalji fuq id-deskrizzjoni tal-ħidma ta' din il-kariga jistgħu jinkisbu mis-sit elettroniku tad-DSE: (https://www.education.gov.mt/vacancies.aspx).

Rekwiżiti tal-eliġibbiltà

4.1 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu :-

(i) (a) ċittadini ta' Malta; jew

(b) ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg bis-saħħa ta' leġislazzjoni tal-UE u d-dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

(ċ) ċittadini ta' kwalunkwe pajjiż ieħor li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg minħabba li jkunu japplikaw għal dak il-pajjiż leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

(d) kwalunkwe persuni oħra li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg permezz tar-relazzjoni familjari tagħhom ma' persuni msemmija f'paragrafu (a), (b) jew (ċ), skont kif hemm fil-liġi jew fil-leġiżlazzjoni tal-UE u d-dispożizzjonijiet ta' trattati msemmija hawn fuq; jew

Duties

3. The overall functions of the selected Teacher shall include:

teaching and educating students according to guidelines provided by the Director of the school, including such occasional duties as are necessary for the proper functioning of the school, which may be requested of him/her;

teaching and educating students according to the educational needs, abilities and attainment potential of individual students entrusted to his/her care by the Director of the school or Head of Section;

in the interest of the proper functioning of the school, and in order to meet teaching requirements, the selected candidate may be asked, after the opinion of the national inspector has been sought, to give instruction in a subject other than the ones in which s/he has specialist knowledge but which is akin to it.

any other duties according to exigencies of the Public Service as directed by the Principal Permanent Secretary.

A detailed job description of the post can be obtained from the DES website: (https://www.education.gov.mt/vacancies.aspx).

Eligibility requirements

4.1 By the closing date and time of this call for applications, applicants must:

(i) (a) be citizens of Malta;or

(b) be citizens of other Member States of the European Union who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters of employment by virtue of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

(c) be citizens of any other country who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment by virtue of the application to that country of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

(d) be any other persons who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment in terms of the law or the above-mentioned EU legislation and treaty provisions, on account of their family relationship with persons mentioned in paragraph (a), (b) or (c); or

(e) ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw status ta' residenti għal żmien twil u joqogħdu f'Malta taħt ir-regolament 4 tar-Regolamenti tal-2006 dwar "Status ta' Residenti li joqogħdu għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi)", jew li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-regolament 18 (3) tal-istess regolamenti, flimkien mal-membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiż terzi li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-Regolamenti tal-2007 dwar ir-Rijunifikazzjoni tal-Familji.

(e) be third country nationals who have been granted long-term resident status in Malta under regulation 4 of the "Status of Long-Term Residents (Third Country Nationals) Regulations, 2006" or who have been granted a residence permit under regulation 18(3) thereof, together with family members of such third country nationals who have been granted a residence permit under the "Family Reunification Regulations, 2007".

Għandu jintalab il-parir tad-Dipartiment taċ-Ċittadinanza u l-*Expatriates* skont il-ħtieġa fl-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq.

The advice of the Citizenship and Expatriates Department should be sought as necessary in the interpretation of the above provisions.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(b), (ċ), (d) u (e) hawn fuq teħtieġ il-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja. Il-Korporazzjoni għax-Xogħol u t-Taħriġ għandha tiġi kkonsultata skont il-ħtieġa dwar din il-materja.

The appointment of candidates referred to at (b), (c), (d) and (e) above would necessitate the issue of an employment license in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation. The Employment and Training Corporation should be consulted as necessary on this issue.

(ii) kapaċi jikkomunikaw sew bil-lingwa Maltija u bil-lingwa Ingliża; u

(ii) be proficient in both the Maltese and English Languages; and

(iii) (a) ikollhom ċertifikat rikonoxxut fi Grad ta' Baċellerat fl-Edukazzjoni bi speċjalizzazzjoni fil-Malti u fl-Edukazzjoni Primarja (*Early Middle Years - EMY*), jew kwalifika rikonoxxuta xierqa komparabbli;

(iii) (a) be in possession of a Bachelor in Education with a specialisation in Maltese and Early Middle Years (EMY) or a recognised appropriate comparable qualification;

(b) fin-nuqqas ta' applikazzjoni minn uffiċjali eliġibbli skont paragrafu 4.1 (iii) (a) u/jew fin-nuqqas ta' applikanti li jgħaddu, l-eliġibbiltà tkun estiża wkoll għall-applikanti fil-pussess ta' Grad ta' Baċellerat tal-Arti bi speċjalizzazzjoni fil-Malti u l-Ingliż jew kwalifika rikonoxxuta xierqa komparabbli, u ċertifikat *Postgraduate* fl-Edukazzjoni (P.G.C.E.), fil-Malti jew kwalifika rikonoxxuta xierqa komparabbli;

(b) in the absence of applications from eligible officers according to paragraph 4.1 (iii) (a), and/or in the absence of successful candidates, eligibility shall be extended to candidates in possession of a Bachelor in Arts with a specialisation in English and Maltese or a recognised appropriate comparable qualification, and a Post-Graduate Certificate in Education (PGCE) in Maltese or a recognised appropriate comparable qualification;

(ċ) fin-nuqqas ta' applikazzjoni minn uffiċjali eliġibbli skont paragrafu 4.1 (iii) (b) u/jew fin-nuqqas ta' applikanti li jgħaddu, l-eliġibbiltà tkun estiża wkoll għall-applikanti fil-pussess ta' Grad ta' Baċellerat fl-Edukazzjoni bi speċjalizzazzjoni fil-Malti jew kwalifika rikonoxxuta xierqa komparabbli, u ċertifikat fit-tagħlim tal-Ingliż tat-TEFL (*Teaching English as a Foreign Language*) jew kwalifika rikonoxxuta xierqa komparabbli;

(c) in the absence of applications from eligible officers according to paragraph 4.1 (iii) (b), and/or in the absence of successful candidates, eligibility shall be extended to candidates in possession of a Bachelor in Education with a specialisation in Maltese or a recognised appropriate comparable qualification and a Teaching English as a Foreign Language (TEFL) certificate in English or a recognised appropriate comparable qualification;

(d) fin-nuqqas ta' applikazzjoni minn uffiċjali eliġibbli skont paragrafu 4.1 (iii) (ċ) u/jew fin-nuqqas ta' applikanti li jgħaddu, l-eliġibbiltà tkun estiża wkoll għal applikanti fil-pussess ta' Grad ta' Baċellerat tal-Arti bi speċjalizzazzjoni fil-Malti u l-Ingliż jew kwalifika rikonoxxuta xierqa komparabbli, u ċertifikat *Postgraduate* fl-Edukazzjoni (P.G.C.E.), fl-Ingliż jew kwalifika rikonoxxuta xierqa komparabbli;

(d) in the absence of applications from eligible officers according to paragraph 4.1 (iii) (c), and/or in the absence of successful candidates, eligibility shall be extended to candidates in possession of a Bachelor in Arts with a specialisation in English and Maltese or a recognised appropriate comparable qualification, and a Post-Graduate Certificate in Education (PGCE) in English or a recognised appropriate comparable qualification;

(e) fin-nuqqas ta' applikazzjoni minn uffiċjali eligibbli skont paragrafu 4.1 (iii) (d) u/jew fin-nuqqas ta' applikanti li jgħaddu, l-eliġibbiltà tkun estiża wkoll għall-applikanti fil-pussess ta' Grad ta' Baċellerat fl-Edukazzjoni bi speċjalizzazzjoni fl-Ingliż jew kwalifika rikonoxxuta xierqa komparabbli, u ċ-Ċertifikat fil-Qari tal-Provi bil-Malti jew kwalifika rikonoxxuta xierqa komparabbli;

(iv) Minbarra r-rekwiżiti msemmija f'4.1 (iii) hawn fuq, l-applikanti jridu wkoll jissodisfaw dawn il-kriterji:

(a) ikollhom il-*Warrant* ta' Għalliem (*Permanent Warrant*) skont is-sezzjoni 24 (2) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap.327); u

(b) bħalissa għandhom Grad ta' għalliem; u

(ċ) ikollhom mhux inqas minn ħames (5) snin skolastiċi esperjenza ta' tagħlim fl-aħħar għaxar (10) snin bħala għalliem/a regolari fi skola liċenzjata li toffri edukazzjoni obbligatorja; u

(d) kienu jgħallmu f'dawn l-aħħar sentejn (2) ta' qabel id-data tal-ħruġ ta' din is-sejħa fi skola liċenzjata li toffri edukazzjoni obbligatorja; u

(e) minbarra fl-Ingliż u l-Malti jkollhom għarfien sod ta' lingwa oħra tal-Unjoni Ewropea. L-għarfien tal-lingwa tal-post fejn il-persuna se tkun qed tgħallem huwa mixtieq;

Minħabba li d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet taqa' wara it-tieni nofs tat-tielet term, din is-sena skolastika (2012-2013) għandha titqies bħala parti mis-snin ta' esperjenza ta' tagħlim rikjesti tal-applikant;

(v) ta' karattru morali tajjeb (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw *is-Service and Leave Record Form* (GP47 https://www.education.gov.mt/DGSS_GP47.aspx); filwaqt li dawk li japplikaw minn barra jridu jippreżentaw Ċertifikat riċenti tal-Kondotta maħruġ mill-Pulizija jew awtorità oħra kompetenti mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati tal-Gvern, u jagħtu d-dettalji).

4.2 Kwalifiki li huma ta' livell ogħla minn dawk mitluba hawn fuq jiġu aċċettati għall-fini ta' eleġibbiltà sakemm dawn jissodisfaw ir-rekwiżiti speċifiċi msemmija f'paragrafu 4.1 t'hawn fuq.

4.3 L-applikanti prospettivi huma meħtieġa juru dikjarazzjoni ta' rikonoxximent maħruġa mill-MQRIC jew Awtorità pertinenti oħra, skont il-każ, skont id-dispożizzjonijiet applikabbli għal din is-sejħa għall-applikazzjonijiet (ara l-*link* f'paragrafu 8 hawn taħt).

(e) in the absence of applications from eligible officers according to paragraph 4.1 (iii) (d), and/or in the absence of successful candidates, eligibility shall be extended to candidates in possession of a Bachelor in Education with a specialisation in English or a recognised appropriate comparable qualification and the Certificate "*Qari ta' Provi bil-Malti"* or a recognised appropriate comparable qualification;

(iv) Besides the requisites stipulated in 4.1 (iii) above, applicants must further satisfy the following, be:

(a) in possession of a Teacher's Warrant (Permanent Warrant) as per section 24 (2) of the Education Act (Cap.327); and

(b) currently in the grade of Teacher; and

(c) have not less than five (5) scholastic years teaching experience in the last ten (10) years in a licensed school offering compulsory education; and

(d) have been teaching in the two (2) years immediately preceding the issue of this call for applications in a licensed school offering compulsory education; and

(e) in addition to English and Maltese, have a thorough knowledge of a second Community language. Knowledge of the language of the place of employment is desirable;

Since the closing date of this call for applications falls after the second half of the third term, this current scholastic year (2012-2013), is considered reckonable as part of the required applicant's years of teaching experience;

(v) of good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP 47 https://www.education.gov.mt/DGSS_GP47.aspx); those applying from outside the Service must produce a Certificate of Conduct issued by the Police or other competent authority not earlier than one (1) month from the date of application and state whether they have ever been in Government Service, giving details);

4.2 Qualifications at a level higher than that specified above will be accepted for eligibility purposes, provided they meet the specific requirements listed in 4.1 above.

4.3 Prospective applicants should note the requirement to produce MQRIC recognition statements in respect of their qualifications from MQRIC, or other designated authorities, as applicable, as per provisions applicable to this call for applications (see link in paragraph 8 below).

Sottomissjoni ta' dokumentazzjoni

5. Il-kwalifiki u/jew l-esperjenza li persuna jkollha jridu jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti, li kopji għandhom jinhemżu mal-applikazzjoni. Ċertifikati tad-*Diploma*/*Degree*/*Post-Graduate* jew kwalifika oħra rikonnoxxuta komparabbli, għandhom ikollhom magħhom traskrizzjoni bl-Ingliż, li turi l-grad miksub u l-klassifikazzjoni finali. Jiġu aċċettati kopji skennjati mibgħutin b'mod elettroniku. Il-fotokopji għandhom jinthemżu mal-applikazzjoni, filwaqt li ċ-ċertifikati oriġinali għandhom ikunu ppreżentati għall-verifika waqt l-intervista.

Proċeduri tal-għażla

6.1 L-applikanti eliġibbli jintalbu jagħmlu test ta' profiċjenza fil-Malti u ieħor fl-Ingliż. Jiġu intervistati biss dawk il-kandidati li jġibu tal-anqas 70% tal-marka f'kull test ta' profiċjenza minn Bord tal-Għażla, li jiddetermina min hu adattat għall-post. Fl-intervista l-applikanti jridu jippreżentaw portafoll professjonali li jinkludi fih l-aspetti ewlenin tal-iżvilupp professjonali tagħhom fit-tagħlim u xi riżorsi ta' tagħlim maħluqa minnhom.

6.2 It-testijiet ta' profiċjenza li huma ta' siegħa l-wieħed, se jsiru nhar il-Ġimgħa, il-5 ta' Lulju, 2013 mit-3.30 p.m. sas-6.00 p.m., fis-Sezzjoni tal-*Customer Care,* Direttorat għal Servizzi Edukattivi, Triq l-Assedju l-Kbir, Floriana VLT 2000. L–applikanti li jgħaddu, jiġu mitluba li jattendu intervista fix-xahar ta' Lulju 2013. Ma jistgħux jiġu aċċettati rikjesti biex l-intervista tiġi posposta wara il-31 ta' Lulju 2013 minnħabba l-impenn li l-persuna magħżula trid tibda fl-1 ta' Settembru, 2013.

Sottomissjoni tal-applikazzjoni

7.1 L-applikanti jistgħu japplikaw billi jimlew il-formola tal-applikazzjoni li tinsab fuq: (https://www.education.gov.mt/mediacenter.ashx?file=MediaCenter/Docs/1_Regular%20Teachers%20ENG%202013.pdf). Madankollu, hija l-prerogattiva tad-DSE li tagħżel l-aħjar fost il-kandidati magħżula skont l-esiġenzi tas-Servizz Pubbliku ta' Malta u d-Direttorat għal Servizzi Edukattivi (DSE) u d-Direttur tal-Iskola Ewropea.

7.2 L-applikazzjonijiet, flimkien ma' *Service and Leave Record Form* (GP 47 - https://www.education.gov.mt/DGSS_GP47.aspx) aġġornat fil-każ ta' Uffiċjali Pubbliċi, u sommarju tal-kwalifiki, esperjenza u informazzjoni oħra fil-format tal-*European Curriculum Vitae* jintlaqgħu mis-Sezzjoni tal-*Customer Care,* Direttorat għal Servizzi Edukattivi, Triq l-Assedju l-Kbir, Floriana VLT 2000 jew mill-Uffiċċju tal-Edukazzjoni, Triq Fortunato Mizzi, ir-Rabat, Għawdex sa mhux aktar tard minn nofsinhar (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar it-Tlieta, it-2 ta' Lulju, 2013. Aktar dettalji li jikkonċernaw is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet jinsabu fid-dispożizzjonijiet ġenerali hawn taħt.

Submission of supporting documentation

5. Qualifications and/or experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials, copies of which should be attached to the application. Diploma/Degree/Post-Graduate certificates or comparable qualifications must be accompanied by a transcript in English (Diploma/Certificate supplement), showing the Degree obtained and the final classification. Scanned copies sent electronically are acceptable. Photocopies are to be included with the application, while originals are to be produced for verification at the interview.

Selection procedure

6.1 Eligible applicants will be required to sit for a proficiency test in the Maltese and English languages. Only candidates who obtain at least 70% of the marks allocated for each proficiency test will be interviewed by a Selection Board to determine their suitability for the post. At the interview applicants are expected to present a professional portfolio highlighting aspects of the teaching and learning process including teaching resources.

6.2 The proficiency tests of one hour each duration, will be held on Friday, 5th July, 2013 from 3.30 p.m. till 6.00 p.m at Customer Care, Directorate for Educational Services, Triq l-Assedju l-Kbir, Floriana VLT 2000. Successful candidates will then be invited to attend an interview during the month of July 2013. Requests to postpone the interview date beyond the 31st July, 2013 will not be acceded to in view of the commitment to commence duties on the 1st September, 2013.

Submission of applications

7. 1 Applicants may apply by filling-in the application form for a Teacher post which can be accessed from: (https://www.education.gov.mt/mediacenter.ashx?file=MediaCenter/Docs/1_Regular%20Teachers%20ENG%202013.pdf). However, it is the prerogative of the DES to select successful candidates, according to the exigencies of the Malta Public Service, the Directorate for Educational Services (DES) and the Director of the European School.

7.2 Applications, together with an updated Service and Leave Record Form (GP 47 - https://www.education.gov.mt/DGSS_GP47.aspx) in the case of Public Officers, and a summary of qualifications and experience in the European Curriculum Vitae Format will be received in the first instance by the Customer Care Office, Directorate for Educational Services, Triq l-Assedju l-Kbir, Floriana, VLT 2000, or the Education Office, Triq Fortunato Mizzi, Victoria, Gozo VCT 2000, by not later than noon (Central European Time) of Tuesday, 2nd July, 2013. Further details concerning the submission of applications are contained in the general provisions referred to below.

Dispożizzjonijiet Ġenerali

8. Dispożizzjonijiet ġenerali oħra dwar din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, b'referenza partikolari għal:

perjodu ta' prova u kundizzjonijiet oħra;
adattament raġonevoli għall-persuni b'diżabilità rreġistrati;
sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-kwalifiki;
pubblikazzjoni tar-riżultat;
test mediku;
proċess tas-sottomissjoni tal-petizzjonijiet dwar ir-riżultat;
aċċess għall-formola tal-applikazzjoni u dettalji relatati.

jinsabu fis-sit elettroniku tal-Uffiċċju tar-Riżorsi Umani fl-Amministrazzjoni Pubblika fl-indirizz: (http://www.pahro.gov.mt/file.aspx?f=359) jew jinkisbu mis-Sezzjoni tal-*Customer Care,* id-Direttorat għas-Servizzi Edukattivi, Triq l-Assedju l-Kbir, Floriana VLT 2000 jew mill-Uffiċċju tal-Edukazzjoni, Triq Fortunato Mizzi, ir-Rabat, Għawdex, VCT 2000. Dawn id-dispożizzjonijiet ġenerali għandhom jitqiesu bħala parti integrali minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Għall-fini ta' paragrafu 6.2 tad-Dispożizzjonijiet Ġenerali ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, in-numru tal-*fax* tad-Direttorat għas-Servizzi Edukattivi hu +356 2598 2264.

Il-11 ta' Ġunju, 2013

AĠENZIJA ŻGĦAŻAGĦ

Sejħa għal Servizz ta' *Youth Information Officer*

Aġenzija Żgħażagħ, fi ħdan il-Ministeru tal-Edukazzjoni u Xogħol qed tilqa' applikazzjonijiet għal Servizz ta' Ħaddiema maż-Żgħażagħ fuq Kuntratt biex jaħdmu fil-Youth Stop Information Centre li Aġenzija Żgħażagħ se tiftaħ sal-aħħar ta' Ġunju 2013 fi Triq it-Teatru l-Antik, Il-Belt Valletta.

2. Ir-responsabbiltajiet tal-Ħaddiema maż-Żgħażagħ ikunu jinkludu:

Jippromwovu l-Youth Information Centre;
Jiġbru informazzjoni għaż-żgħażagħ sabiex tkun tista' tintuża' kemm fiċ-Ċentru informattiv kif ukoll fuq il-*Youth Information Website;*
Jiffaċilitaw u jassistu liż-żgħażagħ sabiex jiżviluppaw ħiliet kif ukoll jilħqu l-għanijiet tagħhom;
Jagħtu liż-żgħażagħ informazzjoni ta' kwalità sabiex jimxu 'l quddiem fil-qasam tax-xogħol, l-edukazzjoni u t-taħriġ;

General provisions

8. General provisions concerning this call for applications, with particular reference to:

the probationary period and other conditions;
reasonable accommodation for registered persons with disability;
submission of recognition statements in respect of qualifications;
publication of the result;
medical examination;
the process for the submission of petitions concerning the result;
access to application forms and related details;

may be viewed by accessing the website of the Public Administration HR Office at the address: (http://www.pahro.gov.mt/file.aspx?f=359) or may be obtained from Customer Care Section, Directorate for Educational Services, Triq l-Assedju l-Kbir, Floriana VLT 2000 or the Education Office, Triq Fortunato Mizzi, Victoria, Gozo VCT 2000. These general provisions are to be regarded as an integral part of this call for applications.

For the purpose of paragraph 6.2 of the General Provisions of this call for applications, the fax number of the Directorate for Educational Services is +356 2598 2264.

11th June, 2013

AĠENZIJA ŻGĦAŻAGĦ

Call for Youth Information Officer Service

Aġenzija Żgħażagħ, within the Ministry for Education and Employment is inviting applications for a Youth Information Officer Contract Service to be provided at the Youth Stop Information Centre that will open by the end of June in Triq it-Teatru l-Antik, Valletta.

2. The roles and responsibilities of the Youth Work Information Officer include:

Promoting the Youth Information Centre;
Collating relevant information for young people to be used both at the Information Centre and on the Youth Information Website;
Facilitating and empowering young people seeking information to develop their skills and achieve their goals;
Giving young people quality information to enhance their prospects of success in the labour market, education and training;

Jinvolvu liż-żgħażagħ f'attivitajiet soċjali u edukattivi bil-għan li joffru opportunità liż-żgħażagħ sabiex jiżviluppaw il-ħiliet tagħhom.

3. Il-persuna magħżula għandu jkollha diploma jew kwalifika għola preferibbilment fl-Istudji taż-Żgħażagħ u l-Komunità. Jiġu kkunsidrati ukoll diplomi jew *degrees* relatati mal-qasam tas-xjenzi soċjali jew komunikazzjoni u esperjenza ta' xogħol maż-żgħażagħ.

4. Il-persuna magħżula tiġi ngaġġata fuq kuntratt ta' sitt xhur mal-Aġenzija Żgħazagħ u s-servizz jiskadi jew fi żmien sitt xhur minn meta jkun iffirmat il-kuntratt jew skont id-diskrezzjoni tal-Aġenzija Żgħażagħ.

5. Il-ħinijiet ta' xogħol huma ta' tletin siegħa fil-ġimgħa li jridu jinkludi tal-anqas 3 sigħat is-Sibt filgħodu, erba' sigħat bejn il-5.00 p.m. u t-8.00 p.m., tliet darbiet fil-ġimgħa u l-kumplament tas-siegħat jiġu utilizzati sabiex iċ-Ċentru jinfetaħ filgħodu. Ir-rata ta' remunerazzjoni hi ta' €10.50 fis-siegħa VAT inkluża jekk il-persuna magħżula jkollha diploma u €12.50 s-siegħa VAT inkluża jekk il-persuna magħżula jkollha *degree* jew kwalifika għola.

6. Kopji tal-kwalifiki u l-kondotta tal-Pulizija għandhom jkunu mehmuża mal-applikazzjoni.

7. Iċ-ċertifikati oriġinali għandhom jiġu ppreżentati lill-bord tal-għażla waqt l-intervista sabiex tiġi vverifikata l-validità tagħhom.

8. L-applikanti eliġibbli jkunu intervistati minn bord ta' għażla li jiddeċiedi liema huma dawk l-aktar adekwati għal dan il-post.

9. L-applikazzjonijiet, flimkien ma' sommarju ta' kwalifiki u esperjenzi li wieħed ikollu jintlaqgħu f'format ta' *European Curriculum Vitae* minn Aġenzija Żgħażagħ, Triq il-Kbira San Ġużepp, Santa Venera SVR 1012 f'envelop issiġillat għall-attenzjoni ta' Rowena M Borg sa mhux aktar tard mit-Tlieta, it-18 ta' Ġunju, 2013 f'nofsinhar.

10. Applikazzjonijiet bil-posta għandhom jintbagħtu rreġistrati u għandhom jintbagħtu kmieni biżżejjed sabiex jaslu qabel id-data tal-għeluq. L-applikanti jiġu mgħarrfa li tkun waslet l-applikazzjoni fi żmien sebat ijiem.

Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati.

Aktar informazzjoni jew kjarifiki jistgħu jinkisbu mingħand Ms Rowena M Borg fuq Tel. Nru. 2258 6722 jew bl-*email* fuq: (rowena-marie.borg@gov.mt).

Il-11 ta' Ġunju, 2013

Engaging young people in activities that provide them with both social and learning opportunities that enhance their competencies and skills.

3. The successful candidate should hold a diploma or higher qualification preferably in Youth and Community Studies. However other related diplomas or degrees related to social sciences or communication and relevant experience will be also considered.

4. The successful candidate will be offered a six month contract agreement with Aġenzija Żgħażagħ and his/her services will be terminated at the end of the six months or at the discretion of Aġenzija Żgħażagħ.

5. The working hours will be 30 hour per week and will include at least 3 hours on Saturday morning, 4 hours between 5.00 p.m. and to 8.00 p.m., three times a week and the remaining hours in the morning. The applicable rate of remuneration is €10.50 an hour including VAT if the candidate has a diploma and €12.50 per hour including VAT if the candidate has a degree or higher.

6. Certificate copies of qualifications must be attached to the application along with a police conduct certificate.

7. Original certificates and testimonials are to be submitted for verification at the interview.

8. Eligible applicants will be interviewed by a selection board to assess their suitability for the post.

9. Applications, together with a summary of qualifications and experience in the European Curriculum Vitae Format must be submitted in a sealed envelope addressed to Aġenzija Żgħażagħ, Triq il-Kbira San Ġużepp, St.Venera SVR 1012 for the attention Rowena M Borg by not later than Tuesday, 18th June, 2013 at noon.

10. Applications by post should be sent by registered mail, allowing sufficient time to ensure delivery by the above deadline. These applications will be acknowledged in writing by Aġenzija Żgħażagħ within seven days.

Late applications will not be considered.

Further information or clarifications may be obtained from Ms Rowena M Borg on Tel. No. 2258 6722 or via e-mail on: (rowena-marie.borg@gov.mt).

11th June, 2013

CENTRAL BANK OF MALTA

ASSETS AND LIABILITIES AS AT 30 APRIL 2013

ASSETS

	€
Gold and gold receivables	17,102,607
Claims on non-euro area residents in fcy	466,910,838
Claims on euro area residents in fcy	153,139,674
Claims on non-euro area residents in euro	425,042,237
Lending related to monetary policy operations	304,750,000
Other claims on euro area credit institutions in euro	761,562
Securities of euro area residents in euro	1,166,187,417
General government debt in euro	0
Intra-Eurosystem claims	478,006,293
Items in course of settlement	8,471,183
Other assets	947,387,566
	3,967,759,377

LIABILITIES

	€
Banknotes in circulation	748,263,260
Liabilities related to monetary policy operations	984,687,274
Other liabilities on euro area credit institutions in euro	0
Debt certificates issued	0
Liabilities to other euro area residents in euro	406,265,729
Liabilities to non-euro area residents in euro	780,323,735
Liabilities to euro area residents in fcy	154,051,361
Liabilities to non-euro area residents in fcy	237,898,692
Counterpart of special drawing rights allocated by the IMF	111,600,843
Intra-Eurosystem liabilities	114,664,770
Items in course of settlement	0
Other liabilities	100,639,760
Provisions	11,676,644
Revaluation accounts	15,723,876
Capital and reserves	301,963,433
	3,967,759,377

ROBERT CARUANA
FINANCIAL CONTROLLER

RAYMOND A. BONNICI
DIRECTOR
CORPORATE SERVICES

AWTORITÀTAD-DJAR

Sussidju ta' Mgħax fuq Self għax-Xiri tal-Ewwel Residenza

B'referenza għall-Iskema fuq Sussidju ta' Mgħax Fuq Self għax-Xiri tal-Ewwel Residenza, ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tal-4 ta' Settembru, 2012, l-Awtorità tad-Djar tgħarraf illi din l-Iskema ngħalqet nhar it-Tnejn, l-10 ta' Ġunju, 2013.

Il-11 ta' Ġunju, 2013

KUNSILL LOKALI ĦAŻ-ŻABBAR

Għeluq ta' Triq

Skont l-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żabbar jgħarraf li vetturi ma jkunux jistgħu jgħaddu minn u jieqfu fi Triq Ġużeppi Pace nhar l-Erbgħa 12 ta' Ġunju, 2013 bejn is-7.00 a.m. u s-7.00 p.m. minħabba xogħol ta' kostruzzjoni .

Il-vetturi li jinsabu jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġett li jiġu rmunkati.

Il-11 ta' Ġunju, 2013

KUNSILL LOKALI TA' SANNAT

Il-Kunsill Lokali Ta' Sannat jgħarraf illi nhar is-Sibt, il-15 ta' Ġunju, 2013 mill-5.00 p.m. 'l quddiem, it-triq li tagħti għall-Bajja ta' Mġarr ix-Xini se tkun magħluqa għat-traffiku. Se tkun ipprovdut *shuttle service* mill-bidu tat-triq għall-bajja.

Il-11 ta' Ġunju, 2013

KUNSILL LOKALI L-GĦARB

Il-Kunsill Lokali l-Għarb jgħarraf illi nhar is-Sibt, il-15 ta' Ġunju, 2013 bejn is-6.00 a.m. u nofsinhar, Pjazza Żjara tal-Madonna ma' ġenb il-Knisja se tkun magħluqa għal min ikun nieżel għal Triq il-Madonna tal-Virut. Għalhekk it-traffiku li jkun irid jinżel għal Triq il-Madonna tal-Virtut se jiġi mdawwar għall-Pjazzetta Żjara tal-Madonna u jdur direttament mit-trejqa ta' wara l-Knisja liema parti tat-triq se tkun qiegħda *one way* sabiex it-traffiku jinżel minnha biss.

It-traffiku li jkun gej minn Triq il-Madonna tal-Virtut irid idur minn Triq Trux, Triq l-Isqof M. Molina u Triq Frenċ ta' l-Għarb u lura fi Pjazza Żjara tal-Madonna.

Il-11 ta' Ġunju, 2013

HOUSING AUTHORITY

Subsidy on Interest on Loans for the Purchase of the First Residence

With reference to the Subsidy on Interest on Loans for the purchase of the First Residence Scheme published in the Government Gazette of the 4th September, 2012, the Housing Authority notifies that this Scheme was closed on Monday, 10th June, 2013.

11th June, 2013

ĦAŻ-ŻABBAR LOCAL COUNCIL

Closing of Street

In virtue of Article 52 (1) of Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65), Ħaż-Żabbar Local Council notifies that the transit and stopping of vehicles in Triq Ġużeppi Pace is prohibited on Wednesday, 12th June, between 7.00 a.m. and 7.00 p.m. due to construction works.

Vehicles found in contravention to the order of this notice are liable to be towed.

11th June, 2013

TA' SANNAT LOCAL COUNCIL

Ta' Sannat Local Council, notifies that on Saturday, 15th June, 2013 from 5.00 p.m. onwards, the road to Mġarr ix-Xini Bay will be closed to traffic. A shuttle service at the beginning of this road will be provided to the bay.

11th June, 2013

GĦARB LOCAL COUNCIL

The Gharb Local Council notifies that on Saturday, 15th June, between 6.00 a.m. and noon, Pjazza Żjara tal-Madonna next to the Church will be closed to traffic going down Triq il-Madonna tal-Virtut. Therefore traffic going down to Triq il-Madonna tal-Virtut will be deviated to Pjazzetta Żjara tal-Madonna and then round the church from the small alley which road will also be one way for traffic going down only.

The traffic coming up from Triq il-Madonna tal-Virtut will be deviated to Triq Trux, Triq l-Isqof M. Molina and Triq Frenċ and then back to Pjazza Żjara tal-Madonna.

11th June, 2013

KUNSILL LOKALI IL-FGURA

Il-Kunsill Lokali Il-Fgura jgħarraf illi bis-setgħat mogħtija bl-Avviż Legali Nru. 119 tal-2002, Triq Hompesch (mir-*roundabout* ta' Bieb Hompesch sar *roundabout* ta' Triq is-Sur) se tkun magħluqa għat-traffiku minn nofsinhar sas-1.00 a.m. tal-Ġimgħa, il-21 ta' Ġunju, 2013.

Fl-istess ġurnata ħadd ma jista' fi Triq Hompesch (mir-*roundabout* ta' Bieb Hompesch sar *roundabout* ta' Triq is-Sur).

Il-11 ta' Ġunju, 2013

DIPARTIMENT TAL-KUNTRATTI

Id-Direttur Ġenerali (Kuntratti) javża illi l-ebda avviżi ġodda ma ġew ippubblikati f'din l-edizzjoni tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta.

Lista tal-avviżi kurrenti tinsab permezz tas-sit tad-Dipartiment fuq: (http://www.contracts.gov.mt/current_tenders).

Id-dokumenti tal-offerta jistgħu jinkisbu biss minn fuq is-sit tad-Dipartiment tal-Kuntratti: (http://www.contracts.gov.mt). L-offerenti huma avżati li mill-istess sit, jistgħu jniżżlu previżjoni tad-dokumenti, bla ħlas. Tinħtieġ reġistrazzjoni sabiex isir użu tas-servizzi elettroniċi tad-Dipartiment: iktar informazzjoni tinsab fuq: (http://www.contracts.gov.mt/help?l=2). Is-sit jipprovdi wkoll informazzjoni dwar sejħiet ta' offerti u rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat Ġenerali tal-Kuntratti.

Il-pubbliku jista' jattendi waqt il-ftuħ u reġistrazzjoni tal-offerti fil-ħin u d-data msemmija aktar 'il fuq.

Il-11 ta' Ġunju, 2013

Id-Direttur Ġenerali (Kuntratti) javża lill-offerenti kollha illi skont l-AL296 tal-2010 tar-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbliċi 2010 r-rakkomandazzjonijiet magħmula mill-Kumitat Ġenerali tal-Kuntratti għar-rigward tal-għoti ta' kuntratti pubbliċi se jkunu ppubblikati fuq in-*notice-board* tad-Dipartiment tal-Kuntratti nhar ta' Erbgħa u nhar ta' Ġimgħa wara nofsinhar. **L-offerenti jistgħu jiksbu din l-informazzjoni billi jużaw il-*website* uffiċjali tad-Dipartiment: (http//www.contracts.gov.mt).**

Il-11 ta' Ġunju, 2013

FGURA LOCAL COUNCIL

The Fgura Local Council notifies that in terms of Legal Notice No. 119 of 2002, Triq Hompesch (from roundabout near Hompesch Gate till the roundabout of Triq is-Sur) will be closed for traffic between noon and 1.00 a.m. on Friday, 21st June, 2013.

During the same day, parking will not be permitted in Triq Hompesch (from roundabout near Hompesch Gate till the roundabout of Triq is-Sur).

11th June, 2013

DEPARTMENT OF CONTRACTS

The Director General (Contracts) notifies that no new advertisements have been published in this edition of the Malta Government Gazette.

A list of all current advertisements is available from the Department's website: (http://www.contracts.gov.mt/current_tenders).

Tender documents are only obtainable from the website of the Department of Contracts, http://www.contracts.gov.mt. Tenderers are reminded that from this website, they can download preview documents for free. Registration is required in order to make use of the electronic services of the Department: more information is available from http://www.contracts.gov.mt/help. The website also provides updated information concerning calls for tenders and General Contracts Committee recommendations.

The public may attend during the opening and scheduling of tenders at the time and dates specified above.

11th June, 2013

The Director General (Contracts) notifies all tenderers that in terms of LN296 of 2010 of the Public Contracts Regulations 2010 recommendations made by the General Contracts Committee for the award of public contracts will be given publicity in the Department of Contracts' notice-board every Wednesday and Friday after noon. **Tenderers may also obtain this information by utilizing the Department's official website: (http://www.contracts.gov.mt).**

11th June, 2013

DIPARTIMENT TAL-KUNTRATTI

Id-Direttur Ġenerali (Kuntratti) javża illi offerti elettroniċi rigward dan l-avviż se jiġu milqugħa sal-ġurnata u l-ħin indikati hawn taħt. L-offerti għandhom jiġu sottomessi *online* BISS fuq: (http://www.etenders.gov.mt).

Sad-9.30 a.m. it-TLIETA, it-23 ta' Lulju, 2013, għal:

CT 3041/2013. Servizzi ta' *project management* għat-titjib ta' Triq il-Kosta (NA8 saċ-Ċimiterju tal-Commonwealth) – Trasport Malta.

Dan huwa *Service Notice* taħt *l-International Open Tender Procedure*. Din is-sejħa għall-offerti hija parzjalment iffinanzjata mill-Unjoni Ewropea taħt il-Fond ta' Koeżjoni 2007-2013 – Ninvestu fil-Futur Tiegħek.

Il-Contract Notice tal-UE ntbagħat fil-11 ta' Ġunju, 2013.

Id-dokumenti tal-offerta jistgħu jinkisbu biss min fuq l-*Electronic Public Procurement System:* (http://www.etenders.gov.mt). Trid issir reġistrazzjoni sabiex isir użu min dan is-sit: operaturi ekonomiċi Maltin jeħtieġ ikollhom l-*Organisation* e-ID sabiex ikunu jistgħu jidħlu dan fis-sit. Iktar informazzjoni tista' tinkiseb mis-Sezzjoni tal-FAQ tal-istess sit.

Operaturi ekonomiċi interessati sabiex jipparteċipaw f'dawn is-sejħiet għal offerti huma mħeġġa jieħdu nota tal-*workshops* organizzati mid-Dipartiment tal-Kuntratti. F'dawn il-*workshops*, se jsiru simulazzjonijiet sabiex operaturi ekonomiċi jiffamiljarizzaw ruħhom bil-kompilazzjoni u sottomissjoni tal-offerta *online*. Iktar informazzjoni tinsab fid-dokument tal-offera. Dawn il-*workshops* huma intenzjonati BISS għal dawk l-operaturi ekonomiċi li beħsiebhom jissottomettu offerta għal dawn l-offerti: operaturi prospettivi oħrajn huma mistiedna jattendu waħda mis-sensiela ta' sessjonijiet ta' informazzjoni organizzati mid-Dipartiment tal-Kuntratti sabiex tingħata ħarsa ġenerali tal-proċeduri ġodda tal-*electronic procurement*.

Il-pubbliku jista' jattendi waqt il-ftuħ u reġistrazzjoni ta' l-offerti fil-ħin u d-data msemmija aktar 'il fuq.

Il-11 ta' Ġunju, 2013

Id-Direttur Ġenerali (Kuntratti) javża lill-offerenti kollha illi skont l-AL296 tal-2010 tar-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbliċi r-rakkomandazzjonijiet magħmula mill-Kumitat Ġenerali tal-Kuntratti għar-rigward tal-għoti ta' kuntratti pubbliċi se jkunu ippublikati fuq in-*notice-board* tad-Dipartiment tal-Kuntratti nhar ta' Erbgħa u nhar ta' Ġimgħa wara nofsinhar. **L-Offerenti jistgħu jiksbu din l-informazzjoni billi jużaw il-*website* uffiċjali tad-Dipartiment: (http://www.contracts.gov.mt)**

Il-11 ta' Ġunju, 2013

DEPARTMENT OF CONTRACTS

The Director General (Contracts) notifies that electronic tenders in respect of the following notice will be received on the day and date indicated below. Tenders are to be submitted online ONLY on: (http://www.etenders.gov.mt).

Up to 9:30 a.m. of TUESDAY, 23rd July, 2013, for:

CT 3041/2013. Project management services for the upgrading of the Coast Road (NA8 up to the Commonwealth Cemetery) – Transport Malta.

This is a Service Notice under the International Open Tender Procedure. The tender is part-financed by the European Union under the Cohesion Fund 2007-2013 – Investing in your future.

The EU Contract Notice was dispatched on 11th June, 2013.

Tender documents are only obtainable from the Electronic Public Procurement System: (http://www.etenders.gov.mt). Registration is required in order to make use of this website: Maltese economic operators need to be in possession of their Organisation e-ID in order to access this website. More information is available from the FAQ Section of the same website.

Economic operators interested in participating in these current calls for tender are urged to take note of the workhops being organised by the Department of Contracts. During these workshops, simulations will be carried out so that economic operators familiarise themselves with compiling and submitting their tender online. More information is available in the tender document. These workshops are ONLY intended to economic operators that intend to submit an offer for these tenders: other prospective operators are invited to attend one of the information sessions currently being organised by the Department of Contracts that give an overview of the new electronic procurement procedures.

The public may attend during the opening and scheduling of tenders at the time and dates specified above.

11th June, 2013

The Director General (Contracts) notifies all tenderers that in terms of LN296 of 2010 of the Public Contracts Regulations 2010 recommendations made by the General Contracts Committee for the award of public contracts will be given publicity in the Department of Contracts' notice board every Wednesday and Friday after noon. **Tenderers may also obtain this information by utilizing the Department's official website: (http://www.contracts.gov.mt).**

11th June, 2013

DIPARTIMENT TAL-ARTIJIET

Il-Kummissarju tal-Artijiet jgħarraf li:

Offerti ssiġillati għall-avviżi li ġejjin għandhom jintefgħu fil-Kaxxa tal-Offerti tad-Dipartiment tal-Artijiet, Berġa tal-Baviera, Valletta, sal-10.00 a.m. tal-Ħamis, it-13 ta' Ġunju, 2013.

Avviż Nru. 45. Bejgħ ta' sit fi Triq l-Onice, Iż-Żebbuġ, Għawdex, muri bl-aħmar u mmarkat B fuq pjanta P.D.2011_365_1. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'*bid-bond* għall-ammont ta' €2,000 skont kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' tlettax-il elf u tmien mitt ewro (€13,800) ma jiġux ikkunsidrati.

Irid jitħallas dritt ta' €50 għal kull kopja tad-dokument tal-offerta.

Avviż Nru. 46. Bejgħ ta' sit fi Triq Triq l-Onice, Iż-Żebbuġ, Għawdex, muri bl-aħmar u mmarkat C fuq pjanta P.D.2011_365_1. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'*bid-bond* għall-ammont ta' €1,500 skont kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' ħamest elef u disa' mitt ewro (€5,900) ma jiġux ikkunsidrati.

Irid jitħallas dritt ta' €50 għal kull kopja tad-dokument tal-offerta.

Avviż Nru. 47. Għotja b'ċens perpetwu rivedibbli ta' sit fi Triq Dott. Ġużè Miceli, Il-Gżira, muri bl-aħmar fuq pjanta P.D.2012_22. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'*bid-bond* għall-ammont ta' €1,500 skont kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' ħamest elef u tliet mitt ewro (€5,300) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati.

Irid jitħallas dritt ta' €100 għal kull kopja tad-dokument tal-offerta.

Avviż Nru. 48. Għotja b'ċens perpetwu rivedibbli ta' Fond Nru. 59/60, Triq San Mark, Bormla, muri bl-aħmar fuq pjanta P.D.2010_744. Offerti anqas mill-ammont ta' mija u tmenin ewro (€180) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati.

Irid jitħallas dritt ta' €10 għal kull kopja tad-dokument tal-offerta.

Avviż Nru. 49. Kiri tal-Fond Nru. 7, Blokk V, Triq San Pawl, Bormla, muri bl-aħmar fuq pjanta P.D.2010_186. Offerti anqas mill-ammont ta' erba' mitt ewro (€400) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati.

Min kienu f'pożizzjoni illi jipprevedi, jevita, jikkoreġi jew jilqa' għal dawn il-fatturi sabiex l-inċident jiġi skansat;

Mill-provi prodotti quddiem l-ewwel Qorti, jistgħu jinsiltu s-segwenti konkluzjonijiet;

...omissis...

Mill-kunsiderazzjonijiet mogħtija fis-sentenza tagħha jidher illi l-Ewwel Qorti kkonkludiet illi s-soċjetà appellanti kienet taħti unikament għall-incident il-għaliex kellha l-obbligu li tieħu ħsieb l-oġġetti bħala bonus paterfamilia

....omissis...

Bir-rispett kollu lejn l-Ewwel Qorti dawn il-konklużżjonijet ma jirriżultawx u ma jsibux konfort fil-provi prodotti quddiemha. Jibda billi jingħad illi ma tressqet l-ebda prova illi s-soċjetà appellanti, ittraskurat jew ħalliet il-*containers* in kwistjoni b'mod malandat jew f'xi post abbandunat. Jew li naqqset minn dmirijietha qua bonus paterfamilias.

...omissis...

Rigward il-bqija tal-konklużjonijiet tal-ewwel Qorti, ossija illi l-appellanti messha ssorveljat u qagħdet attenta li ma jerġax ikun hemm nar fuq l-istess *container* speċjalment in vista tal-ewwel inċident, is-soċjeta appellanti tirribadixxi illi ma jista' qatt tkun taf x' jikkontjenu it-tliet miljun *container* illi jgħaddu minn idejha kull sena. Hija tista' tistrieħ biss u esklussivament fuq id-dikjarazzjoni illi tingħata mill-aġent illi jkun responsabbli għat-trasport ta' dak il-container. F' dan il-każ ġie ppruvat illi din id-dikjarazzjoni ma kellha ebda indikazzjoni illi l-prodott ta' ġol-*container* kien wieħed perikoluż jew kombustibbli...omissis... is-soċjeta appellanti ma setgħet qatt tipprevedi jew remotament tissusspetta illi kien seħħ 'freak incident' bħal dak odjern.

B. In-Nuqqas ta' Prova dwar meta seħħew id-Danni.

Bħala t-tieni aggravju tagħha is-soċjeta appellanti tirrileva illi għalkemm ġie stabbilit u aċċettat mill-partijiet kollha illi kien hemm żewġ okkażżjonijiet meta l-*container* TEXU 1005330 ħa n-nar , ossija abbord il-vapur M.V. Iran Ilam... omissis.. l-Ewwel Qorti ikkonkludiet awtomatikament illi l-ħsara fil-merce assikurata mis-soċjeta attriċi appellata oriġinat interament fit-tieni inċident.

Jidher illi l-Ewwel Qorti waslet għal din l-konklużjoni gratwitament u mingħajr ma kien hemm l-iċken prova illi d-danni u l-ħsarat seħħew internament u esklussivament fit-tieni nar.

The cause of the incident and in this case the origin of the fires on both occassions;

whether the fires took place due to factors which could have been forecast, avoided or corrected from before;

Who was in the position to forecast, avoid, correct or uphold these factors so that the accident be avoided;

From the proof produced before the Court of First Instance, the following conclusions can be drawn;

...omissis...

From the considerations given in its judgement it appears that the Court of First Instance concluded that the appellant company was solely responsible for the incident because it had the obligation to take care of the objects as a bonus paterfamilias

...omissis...

With all respect towards the Court of First Instance these conclusions do not result and do not find support in the proof brought before it. It is stated in the first place that no proof was brought that the appellant company neglected or left the containers in question in a bad state or in abandoned place, or that it failed in its duties qua bonus paterfamilias.

...omissis...

Regarding the rest of the conclusions of the Court of First Instance, or rather the appellant should have supervised or paid attention that there was not another fire on the same container especially in view of the first incident, the appellant company rebutts that it could not known what the three million containers which pass each year contain. It can only rely and exclusively on the declaration that is given by the agent who is responsible for the transport of that container. In this case it was proved that this declaration had no indication that the product in the container was dangerous or combustible ..omissis.. the appellant company could never forcast or remotely suspect that a 'freak incident' like the present occurred.

B. The Lack of Proof as to when the Damages occured.

As the second grievance the appellant company points out that although it was established and accepted by all the parties that theren were two occassions when the container TEXU 1005330 caught fire, or rather aboard the vessel M.V. Iran Ilam... omissis.. the Court of First Instance concluded awtomatically that the damage in the merchandise insured by the plaintiff company originated entirely in the second incident.

It appears that the Court of First Instance, reached this conclusion gratuitously and without the slightest proof that the damages ocurred entirely and exclusively in the second fire.

...omissis...

L-Ewwel Qorti għażlet illi tgħabbi r-responsabbiltà kollha għad-danni li rriżultaw wara t-tieni nar (illi seħħ fiż-żona tal-Freeport wara li l-*containers* kienu reġgħu ġew skarikati) interament fuq is-soċjetà appellanti minkejja n-nuqqas ta' prova dwar 1) min kien jaħti ezattament għan-nirien fiż-żewġ okkażjonijiet u 2)jekk id-danni originawx mill-ewwel jew mit-tieni incident.

C. l-Element ta' Casus.

Is-soċjetà appellanti tissottometti bħala t-tielet aggravju tagħha illi mill-provi prodotti jirriżulta ampjament illi d-danni reklamati mis-soċjeta attriċi appellata joriġinaw minn incident illi seħħ b'casus ossija mingħajr ma kien hemm ħtija ta' xi parti jew oħra, iżda purament minħabba forza jew element illi ħadd ma kellu kontroll fuqhom.

...omissis...

Fiċ-cirkostanzi japplika l-Artikolu 1029 tal-Kap. 16 illi jistipola illi 'kull ħsara illi tiġri b'incident jew b'forza maġġuri jbatiha dak illi fuq il-persuna jew il-beni tiegħu tiġri l-ħsara' 'Dan l-Artikolu qed jiġi invokat mis-soċjetà appellanti stante illi ma jirriżulta l-ebda *email* inkorrett jew inkosult sa parti tagħha'.

Għaldaqstant u għar-raġunijiet suesposti, is-soċjetà appellanti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tirrevoka u tħassar is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, mogħtija fl-ismijiet fuq premessi fil-5 ta' Marzu, 2010, u tiddeċiedi l-kawża billi tiċħad it-talbiet attriċi fl-intier tagħhom fil-konfront tagħha filwaqt illi tilqa' l-eċċezzjonijiet kollha tas-soċjetà appellanti, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi, kontra s-soċjetà attriċi appellata.

Soċjetà Appellanti: Malta Freeport Centre,
Port ta' Kalafrana,
Birzebbugia.

Notifiki: 1....omissis...
2. IRISL (MALTA) Limited,
143, Flat 1,
Tower Road.
Sliema, SLM 1604.

Ir-Rikors ta' Appell fl-ismijiet Atlas Insurance PCC Limited (C 5601) vs IRISL (Malta) Ltd et, rikors 53/07 FS, jinsab differit għat-2 ta' Lulju, 2013, fid-9.00 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri (Appelli Superjuri) illum 5 ta' Ġunju, 2013.

AVV. FRANK PORTELLI,LL,D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

...omissis...

The Court of First Instance chose to put all the responsibility for the damages which resulted after the second fire (which occurred in the Freeport zone after the containers were unloaded) entirely on the applicant company despite of the lack of proof regarding 1) who was exactly to blame for the fires on both occasions and 2) whether the damages originated from the first and second incident.

C. The Element of Casus.

The appellant company submits as its third grievance that from the proof produced it amply results that the damages claimed by the respondent plaintiff company originated from an accident which occurred due to casus, or rather without any fault or one part or another, but purely due to force or an element on which nobody had any control.

...omissis...

In the circumstances there applies Article 1029 of Chapter 16 which stipulated that 'that all damages which occurs by incident or force majeure is to be borne by that person or the person whose property is damaged' 'This Article is being invoked by the appellant company, since there does not result any incorrect behaviour or should not have been done on its part'.

Thus and for the reasons above brought forward the appellant company, humbly prays that this Honourable Court to revoke and cancel the judgement of the First Hall Civil Court , given in the names premised on the 5th March, 2010, and decide the cause by rejecting the plaintiff's demand in their entirety in its regard whilst upholding all the pleas of the appellant company, with costs of both instances against the respondent plaintiff company.

Appellant company: Malta Freeport Centre,
Port ta' Kalafrana,
Birzebbugia.

Services: 1...omissis...
2. IRISL (Malta) Limited,
143, Flat 1,
Tower Road,
Sliema ,SLM 1604.

The Application of Appeal in the names Atlas Insurance PCC Limited (C 5601) vs IRISL (Malta) Ltd et, application 53/07 FS, was put off to the 2nd July, 2013, at 9.00 a.m.

Reġistry of the Superior Courts (Superior Appeals) today 5th June, 2013.

ADV. FRANK PORTELLI,LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

976

B'digriet mogħti mill-QORTI ĊIVILI, PRIM' AWLA fl-14 ta' Mejju, 2013, fuq rikors ta' HSBC BANK MALTA PLC ġie ffissat il-jum tal-Ħamis, 18 ta' Lulju, 2013 fl-għaxra u nofs ta' filgħodu (10.30 a.m.) għall-BEJGĦ BL-IRKANT li għandu jsir FL-EWWEL SULAR TA' DAWN IL-QRATI TAL-ĠUSTIZZJA, TRIQ IR-REPUBBLIKA, VALLETTA tal-fond hawn taħt deskritt.

Għalqa b'żewgt ikmamar bla numru eżistenti fiha, u msejħa 'Tal-Barumbara' jew 'Tal-Bużaqqa', li qiegħda fil-kontrada ta' Bubaqra, limiti taż-Żurrieq, tal-kejl superfiċjali ta' ċirka sitt elef, ħames mija u sebgħa u tletin metru kwadru (6,537m.k.), bid-drittijiet u l-pertinenzi tagħha kollha, stmata li tiswa mija u ħamsin elf ewro (€150,000)

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' V.K. CONSTRUCTION LIMITED (C36787).

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt fl-atti tas-subbasta numru 66/2012

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum l-Erbgħa, 5 ta' Ġunju, 2013.

DIANE MIFSUD
Għar-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the CIVIL COURT, FIRST HALL on the 14th May, 2013, on the application of HSBC BANK MALTA PLC, Thursday, 18th July, 2013 at half past ten in the morning (10.30 a.m.), has been fixed for the SALE BY AUCTION to be held on THE FIRST FLOOR OF THESE LAW COURTS, REPUBLIC STREET, VALLETTA of the following property.

A field with two unnumbered rooms in it, called 'Tal-Barumbara' or 'Tal-Bużaqqa', situated in the district of Bubaqra, limits of Żurrieq, with a superficial measurement of approximately six thousand, five hundred and thirty seven square meters (6,537m^2), with all its rights and appurtenances, valued at one hundred and fifty thousand euro (€150,000).

The said tenement is the property of V.K. CONSTRUCTION LIMITED (C36787).

N.B. The said tenement will be sold as described in the acts of the file number 66/2012.

Registry of the Superior Courts, this Wednesday, 5th June, 2013.

DIANE MIFSUD
For the Registrar Civil Courts and Tribunals

977

B'digriet tal-4 ta' Ġunju, 2013, mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, din il-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifiki skont l-artikolu 187 (3) tal-Kodiċi tal-Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili (Kap. 12).

B'digriet mogħti mill-QORTI ĊIVILI, PRIM' AWLA fit-12 ta' April, 2013, fuq rikors ta' BANK OF VALLETTA PLC ġie ffissat il-jum tal-Ħamis, 20 ta' Ġunju, 2013, fil-ħdax u nofs ta' filgħodu (11.30 a.m.) għall-BEJGĦ BL-IRKANT, li ghandu jsir FL-EWWEL SULAR TA' DAWN IL-QRATI TAL-ĠUSTIZZJA, TRIQ IR-REPUBBLIKA, VALLETTA tal-fond hawn taht deskritt.

L-appartament internament immarkat bin-numru wieħed (1), formati minn blokk ta' bini, mingħajr numru uffiċjali u bl-isem 'Nash', fi Triq il-Ġdida, Paola, liberu u frank, bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tiegħu stmat li jiswa ħamsa u sittin elf ewro (€65,000).

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' CREMONA WARREN PAUL (K.I. 239272M).

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma gie deskritt fl-atti tas-Subbasta Nru 77/12.

By a decree given on the 4th June, 2013, by the Civil Court First Hall, the Court ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to Article 187 (3) of the Code of Organization and Civil Procedure (Chapter 12).

By decree given by the CIVIL COURT, FIRST HALL on 12th April, 2013, on the application of BANK OF VALLETTA PLC, Thursday, 20th June, 2013, at half past eleven in morning (11.30 a.m.) has been fixed for the SALE BY AUCTION ordered by a decree given in the FIRST FLOOR OF THESE LAW COURTS, REPUBLIC STREET, VALLETTA, of the following property.

The apartment internally marked numbered one (1), forming part from a block of building, without officially number and named 'Nash', in Triq il-Ġdida, Paola, free and unencumbered, with all its right and enjoyments valued at sixty five thousand euro (€65,000).

The said tenement is the property of CREMONA WARREN PAUL (I.D. 239272M).

N.B. The said tenement will be sold as described in acts of the file number 77/12.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum l-Erbgħa, 5 ta' Ġunju, 2013.

MARVIC FARRUGIA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

Registry of the Superior Courts, this Wednesday, 5th June, 2013.

MARVIC FARRUGIA
For the Registrar of Civil Court and Tribunals

978

B' digriet mogħti, fis-7 ta' Mejju 2013, mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja), fl-atti tar-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet Tanti Josephine vs Tanti Carmelo, rikors numru 305/12 RGM, ġiet ordnata is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-konvenut, a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors Ġuramentat ippreżentat fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fl-ismijiet Josephine Tanti (K.I. 694954M) vs Carmelo Tanti (K.I. 91155M) fl-20 ta' Diċembru, 2012, ir-rikorrenti Josephine Tanti (K.I. 694954M) talbet lil din l-Onorabbli Qorti;

1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali a mensa et thoro bejn ir-rikorrent u r-raġel tagħha Carmelo Tanti, għal raġunijiet imputabbbli lil intimat u tilqa' t-talbiet l-oħra fir-rikors.

Bl-ispejjeż, tal-intimat inġunt in subizzjoni.

Notifika: Carmelo Tanti (K.I. 91155M).

Ir-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet Tanti Josephine vs Tanti Carmelo, rikors numru 305/12 RGM, jinsab differit għas-smigħ għall-25 ta' Ġunju 2013, fid-9.00 a.m.

Reġistru tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) illum 6 ta' Ġunju, 2013.

AVV. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Civili u Tribunali

By means of a decree given, on the 7th May, 2013, by the Civil Court (Family Section) in the records of the Sworn Application, in the names Tanti Josephine vs Tanti Carmelo, application number 305/12 RGM,the following publication was ordered for the purpose of service of the defendant , in terms of Article 187(3) of Cap.12.

By means of a Sworn Application filed in the Civil Court (Family Section) in the names Josephine Tanti (I.D. 694954M) vs Carmelo Tanti (I.D. 91155M) on the 20th December, 2012, the applicant Josephine Tanti (I.D. 694954M) asked this Honourable Court;

1. To declare and pronounce the personal separation a mensa et thoro between the applicant and her husband Carmelo Tanti for reasons imputable to the respondent and uphold the other demands in the application.

With costs, against the respondent summoned so that a reference to his evidence is made.

Notify: Carmelo Tanti (I.D. 91155M).

The Sworn Application in the names Tanti Josephine vs Tanti Carmelo, application number 305/12 RGM, has been put off for hearing to the 25th June, 2013, at 9.00 a.m.

Registry of the Civil Courts (Family Section) today 6th June, 2013.

ADV. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

979

Permezz ta' digriet mogħti fit-23 ta' Jannar 2013, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 1732/12, fl-ismijiet HSBC Bank Malta p.l.c. vs Giovanni Buonanno, il-Prim'Awla tal-Qorti ordnat is-segwenti publikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fil-Bord li Jirregola l-Kera lil Giovanni Buonanno (K.I. 19565A) ta' 27, Triq Hookham Frere, Gwardamanġa, fil-4 ta' Ġunju 2012, HSBC Bank Malta p.l.c. ta' 32, Merchants Street, Valletta, qiegħed javżak illi mhux se jġedded il-kirja gravanti fuq il-post bin-numru 25 u 27 Hookham Frere Street, Gwardamanġa

By means of a decree given on the 23rd January 2013, in the records of the judicial letter number 1732/12, in the names HSBC Bank Malta plc vs Giovanni Buonanno, the First Hall of the Civil Courts ordered the following publication for the purpose of service of the respondent in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

By means of a judicial letter filed in the Rent Regulation Board against Giovanni Buonanno (I.D. 19565A) of 27, Triq Hookham Frere, Gwardamanġa, on the 4th June 2012, HSBC Bank Malta p.l.c. of 32, Merchants Street, Valletta warns you that it will not renew the lease of the premises number 25 and 27, Hookham Frere Street, Gwardamanġa,

li 'prima facie' ġie mikri lilek mill-Avukat Patrick Spiteri ai termini ta' lease agreement tat-23 ta' Frar 2007 għal perjodu ta' sitt snin mill-1 ta' Jannar 2007 u jiġġedded awtomatikament għal sena waħda wara dik id-data u cioe sal-31 ta' Diċembru 2013.

Għalhekk inti mitlub li sal-31 ta' Diċembru 2013 inti tivvaka 'l fuq imsemmi fond li ilu proprjetà tal-HSBC Bank Malta plc (C3177) mit-3 ta' Frar 2011 u li din ġiet liberata favurih wara li sar bejgħ b'subbasta numbru 19/2008 fl-ismijiet 'HSBC Bank Malta plc vs Avv Patrick Spiteri' u dan ai termini tal-Artikolu 1531L tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Tant biex tagħraf tirregola ruħek.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 6 ta' Ġunju 2013

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

which premises were prima facie lesed to you by Dr Patrick Spiteri in terms of a lease agreement of the 23rd February 2007 for the period of six years from the 1st January 2007 and it which was to be automaticcaly renewed for one year thereafter and therefore up until the 31st December 2013.

Thus you are requested that by not later than the 31st December 2013 to vacate the aforementioned premises, which has been property of HSBC Bank Malta plc (C3177) from the 3rd February 2011, and which premises were released in its favour after a judicial sale by auction bearing reference number 19/2008 in the names 'HSBC Bank Malta plc vs Dr Patrick Spiteri' and this in terms of Article 1531L of Chapter 16 of the Laws of Malta.

So much for your own guidance.

Registry of the Superior Courts today 6th June 2013.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

980

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qrati.

B'digriet mogħti minn din il-Qorti, fil-21 ta' Jannar 2009, fuq talba ta' HSBC Bank Malta plc, ġie ordnat biex jintagħżlu kuraturi deputati sabiex jirrapreżentaw lis-sidien ignoti tad-directum dominium tal-għotja enfitewtika rigwardanti l-proprjetà, fl-atti taċ-Ċedola ta' Depożitu, fl-ismijiet HSBC Bank Malta p.l.c. vs Kuraturi Deputati u fl-atti l-oħra relattivi u sussegwenti.

Permezz ta' Ċedola ta' Depożitu, ippreżentata fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fl-ismijiet HSBC Bank Malta p.l.c. (C 3177) vs Kuraturi Deputati nominati sabiex jirrapreżentaw is-sidien ignoti tad-directum dominium tal-għotja enfitewtika rigwardanti l-proprjetà hawn taħt deskritta, fis-16 ta' Jannar 2009, is-soċjetà HSBC Bank Malta p.l.c. (C 3177) esponiet bir-rispett;

Illi s-soċjetà esponenti hija proprjetarja tat-terran bin-numru 38, ġa bla numru u jismu 'Rosie' fi Triq Indrì Cilia, ġa Triq Montgomery, Ħamrun, liema terran huwa in parti sottopost għal proprjetà ta' terzi, u jikkonfina mil-Lbiċ mat-triq, mill-Majjistral in parti ma' beni ta' Giuseppe u Monica

Bann for Curators

Republic of Malta

To The Marshall of the Court.

By means of a decree by this Court, on the 21st January 2009, following a request of HSBC Bank Malta plc. it was ordered that Deputy Curators be chosen to represent the unknown owners of the directus dominius of the emphyteutical grant regarding the property, in the records of the Schedule of Deposit in the names HSBC Bank Malta p.l.c. vs Deputy Curators and in the relative and subsequent acts.

By means of a Scedule of Deposit, filed, in the First Hall Civil Court, in the names HSBC Bank Malta p.l.c. (C 3177) vs Deputy Curators appointed to represent the unknown owners of the directus dominius of the emphyteutical grant regarding the property hereunder described, on the 16th January 2009, the company HSBC Bank Malta p.l.c. (C 3177) respectfully pleaded;

That the interpellant company is the owner of the tenement with number 38, previously without number and named 'Rosie' in Triq Indrì Cilia, previously Triq Montgomery, Hamrun, which tenement in part underlies property of third parties and borders on the South West, with the street, on the

Valletta, u in parti ma' beni ta' Ernest Micallef u mix-Xlokk ma' beni ta' Angelo Buttigieg.

Illi dan il-fond ġie akkwistat mill-esponenti tramite bejgħ b'subbasta miżmum fis-27 ta' Marzu 2007;

Illi din il-proprjetà hija soġġetta għaċ-ċens annwu u perpetwu ta' €3.06.

Illi s-sidien tad-directum dominium gravanti l-istess fond mhumiex magħrufa.

Għaldaqstant l-esponenti qiegħda taderixxi lil dina l-Onorabbli Qorti u taħt l-awtorità tal-istess tiddepożita s-somma ta' €18.36, rappreżentanti s-somma ta' €15.20 in kwantu ħames pagamenti ta' ċens fir-rigward tal-proprjetà u s-somma ta' €3.06 rappreżentanti ħlas ta' lawdemju li flimkien jirrapreżentaw ħlas assaldu għal kull pretensjoni fir-rigward ta' arretrati ta' ċens sabiex dina s-somma tiġi liberament żbankata mill-intimati imsemmija wara illi jħallu d-debita riċevuta skont il-Liġi.

Esponenti: 116, Triq l-Arcisqof, Valletta.

Notifika: Kuraturi Deputati sabiex jirrapreżentaw lis-sidien ignoti tad-directum dominius tal-għotja enfitewtika rigwardanti l-proprjetà hawn fuq deskritta.

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri u ssejjaħ b'dan lil kull min jrid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel Kuraturi tal-Uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dana, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-eżekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Ċivili Prim'Awla hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Onor. Imħallef Abigail Lofaro, LL.D., Duttur tal-Ligi.

Illum 21 ta' Jannar 2009.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 6 ta' Ġunju 2013.

AVV. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

North East in part with property of Giuseppe and Monica Valletta, and in part with property of Ernest Micallef and on the South East with property of Angelo Buttgieg.

That this premises was acquired by the interpellant through a judicial sale held on 27th March 2007;

That this property is subject to the annual and perpetual groundrent of €3.06.

That the owners of the directus dominius burdening the same premises are not known.

Thus the interpellants are calling upon this Honourable Court and under the authority of the same depositing the sum of €18.36 representing the sum of €15.20 as for five instalments of groundrent as regards the property and the sum of €3.06 representing payment of laudemium which together represent payment in final settlement for any claim as regards the arrears of groundrent so that this sum be freely withdrawn by the respondents mentioned after they leave the due receipt according to Law.

Interpellant: 116, Triq l-Arcisqof, Valletta.

Notify: Deputy Curators to represent the unknown owners of the directus dominius of the empytheutical concession regarding the property above described.

You are therefore ordered to affix an official copy of this bann at the entrance of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this Registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, the Court will proceed to the selection of Curators of Office.

And after so acting or if you ahould encounter any difficulty in the execution of this bann, you are to inform forthwith this Court.

Given by the Civil Court First Hall,above mentioned,with the witness of the Hon. Madam Justice Abigail Lofaro, LL.D., Doctor of Laws.

Today 21st January 2009.

Registry of the Superior Courts, today 6th June 2013.

ADV. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

981

B'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tal-5 ta' April, 2013, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Mobisle Communications Limited (C24655) ta' Fra Diego Street, Marsa, ippreżentaw Talba, fil-31 ta' Ottubru, 2012, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Carlos Buttigieg (K.I. 410993M) ta' 24, Triq il-Kbira, Ħaż-Żebbuġ, sabiex iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' €1,398.44 liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali.

Il-kawża (Avviz Nru 738/12GB) hija differita għall-14 ta' Ġunju, 2013, fin-12.30 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta) illum 6 ta' Ġunju, 2013.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By a decree of the Small Claims Tribunal of the 5th April, 2013, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap, 12).

Mobisle Communications Limited (C24655) of Fra Diego Street, Marsa filed a Claim on the 31st October, 2012, whereby they asked the Tribunal to condemn Carlos Buttigieg (I.D. 410993M) of 24, Triq il-Kbira, Ħaż-Żebbuġ, to pay the plaintiff company the sum of €1,398.44 which amount is due to the plaintiff company.

With costs and legal interests.

The case (Claim Number 738/12GB) is put off on the 14th June 2013 at 12.30 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 6th June, 2013.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

982

B'digriet tas-16 ta' Awwissu, 2012, mogħti mill-Qorti Ċivili Prim'Awla, din il-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt biex iservi ta' notifika skont l-artikoli 187(5) u 338(1) tal-Kodiċi tal-Proċedura u Organizzazjoni Ċivili (kap. 12)

Illi b'Rikors u Ċedola ta' Kompensazzjoni kontestwalment ippreżentati minn Lombard Bank Malta plc (C1607), fil-25 ta' Mejju, 2012, qed tintalab tpaċija tal-atti msemmija għall-ammont ta' €958,157.10 wara il-bejgħ bl-irkant 35/2011 fl-ismijiet Lombard Bank Malta plc (C1607) vs Venues Company Limited (C27160) miżmum taħt l-Awtorità ta' din il-Qorti fit-22 ta' Mejju, 2012.

Skont Artikolu 338 (2) tal-Kapitlu 12: Kull min jista' jkollu interess u l-persuni hekk notifikati għandhom żmien għoxrin ġurnata biex jippreżentaw tweġiba li fiha jiddikjaraw bid-dettall ir-raġunijiet għall-oppożizzjoni tagħhom u s-somom kontestati; u meta dik l-oppożizzjoni tkun imsejsa fuq talba li tolqot ir-rikavat tal-bejgħ u allegata kawża ta' preferenza, huma għandhom jiddikjaraw l-ammont ta' dik it-talba u l-bażi għal dik il-preferenza. Dawn il-persuni għandhom flimkien mar-risposta jippreżentaw kull prova rilevanti sabiex jissostanzjaw l-oppożizzjoni tagħhom.

Reġistru tal-Qorti Superjuri, illum 21 ta' Awwissu, 2012

MARVIC FARRUGIA
Għar- Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By a decree of the 16th August, 2012, given by the First Hall Civil Court, the court ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to article 187(5) and 338(1) of the Code of Organization and Civil Procedure (Cap. 12)

That by application and a Schedule of set-off filed contemporaneously by Lombard Bank Malta plc (C1607), on the 25th May, 2012, the approval of the said judicial acts is being demanded for the amount of €958,157.10 following the judicial sale by auction 35/2011 in the names Lombard Bank Malta plc (C1607) vs Venues Company Limtied (C27160), held under the Authority of the said Court on the 22nd May, 2012.

According to Article 338 (2) of Chapter 12: Any person who may have an interest and the persons so served shall be allowed the time of twenty days to file an answer stating in detail the reasons for their opposition and the amounts in contestation; and where such opposition is based on a claim against the proceeds of sale an alleged cause of preference, they are to state the amount of such claim and the basis for the preference. Such persons shall with the answer file all relevant evidence to substantiate their opposition.

Registry of the Superior Courts, today 21st August, 2012

MARVIC FARRUGIA
For The Registrar, Civil Courts and Tribunals

983

B'digriet mogħti, mill-Bord li Jirregola l-Kera, fl-14 ta' Mejju 2013, fl-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni numru 657/13 GG, fl-ismijiet Joseph Grima et vs Herman Mifsud, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat, a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' Rikors ta' ippreżentat fil-Bord li Jirregola l-Kera, fl-ismijiet (Rikorrent) Joseph Grima K.I. 12075M, Nicholas Delia K.I. 585445M u Salvina Delia K.I. 046942M vs (Intimat) Herman Mifsud, fit-2 ta' Mejju 2013, ir-rikorrenti Joseph Grima et, esponew bil-qima u kkonfermaw bil-ġurament;

Illi l-esponenti għandhom interess li jitħarsu l-jeddijiet tagħhom;

Illi l-esponenti sabiex jikkawtelaw d-drittijiet tagħhom jixtiequ jżommu l-intimat milli jkompli jagħmel xogħlijiet strutturali u ta' tniffid fil-fond numru ħamsa (5) li qabel kien numru tlieta (3) fi Triq il-Fawwara, is-Siġġiewi, u fi proprjetà kontigwa tar-rikorrenti.

Ir-rikorrenti huma s-sidien tal-fond numru ħamsa (5) li qabel kien numru tlieta (3) fi Triq il-Fawwara, is-Siġġiewi, li huwa mikri lil-intimat Herman Mifsud u huma sidien ukoll ta' proprjetà kontigwa li ma hijiex mikrija lill-intimat.

Ir-rikorrenti talbu lill-intimat biex jitħallew jispezzjonaw il-proprjetà mikrija iżda l-intimat bi skuża jew'oħra ma ħallihomx;

Ir-rikorrenti issa saru jafu illi l-intimat qiegħed jagħmel xogħlijiet strutturali u xogħlijiet oħra fil-fond mikri lilu mingħajr il-kunsens tagħhom u bi ksur tal-obbligazzjonijiet tiegħu ta' kerrej taħt l-art. 1564 (1) tal-Kodiċi Ċivili u qiegħed ukoll ifittex li jniffed il-fond mal-proprjetà l-oħra tagħhom li ma hijiex mikrija lilu;

Ir-rikorrenti għalhekk għandhom interess illi jitolbu li jinħall il-kiri minħabba ksur tal-obbligazzjonijiet tal-intimat bħala kerrej u li jżommuh milli jkompli jagħmel alterazzjonijiet fil-proprjetà tagħhom.

Għaldaqstant l-esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti, jogħġobha tordna l-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni sabiex iżommu milli jkompli jagħmel l-ħwejjeġ hawn fuq imsemmija.

Iff. Avukat. Avv. Evelyn Caruana Demajo.

Iff. PL G. Bonello.

By means of a decree given, by the Rent Regulation Board, on the 14th May 2013, in the records of the Warrant of Prohibitory Injunction, number 657/13 GG, in the names Joseph Grima et vs Herman Mifsud,the following publication was ordered for the purpose of service of the respondent, in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

By means of an Application filed in the Rent Regulation Board, in the names (Applicant) Joseph Grima I.D. 12075M, Nicholas Delia I.D. 585445M and Salvina Delia I.D. 046942M vs (Respondent) Herman Mifsud, on the 2nd May 2013, the applicant Joseph Grima et, respectfully pleaded and confirmed under oath;

That the applicants have an interest to safeguard their rights;

That the applicants in order to safeguard their rights wish to withold the respondent from continuing to carry out structural works and interconnection works into the premises number five (5) before being number three (3) in Triq il-Fawwara, Siġġiewi, and in adjacent property of the applicant.

The applicants are the owners of the premises number five (5) which before was number three (3) in Triq il-Fawwara, Siggiewi, which is granted on lease to Herman Mifsud and they are also the owners of contiguous property which is not granted on lease to the respondent.

The applicants asked the respondent in order that they be allowed to inspect the property granted on lease to respondent who in virtue of one excuse or the other did not allow them;

The applicants now came to know that the respondent is carrying out structural works and other works in the premises granted on lease to him without their consent and in violation of his obligations of lessee under art. 1564 (1) of the Civil Code and is also trying to interconnect the premises with their other property which is not granted on lease to him;

The applicants thus have an interest to demand the dissolution of the lease due to violation of the obligations of the respondent as lessee and to withold him from continuing to carry out the alterations in their premises.

Thus the applicants humbly pray that this Honourable Court order the issuing of a warrant of prohibitory injunction in order that he be witheld from continuing to carry out the works above mentioned.

Sgd. Advocate Adv. Evelyn Caruana Demajo.

Sgd. PL G.Bonello

Ikkonfermat quddiemi bil-ġurament wara li qrajtlu l-kontenut u fil-preżenza ta' bħala xhud tal-identità PL G. Bonello.

Mandat ta' Inibizzjoni.

Repubblika ta' Malta.

Mandat tal-Qorti

Lill-Marixxall tal-Qrati

Billi ġie preżentat ir-rikors ta' hawn fuq u jirrikorru l-elementi meħtieġa skont il-liġi għal ordni infraskritt.

Mogħti mill-Bord li Jirregola l-Kera, Maġistrat Dr Giovanni Grixti LL.D., Duttur tal-Liġi.

Rikorrent: Casa Delia, Triq San Ġwann, Siġġiewi.

Intimat: 5, Triq il-Fawwara, Siġġiewi.

Eżekuzzjoni...do...

Fil-Bord li Jirregola l-Kera.

Maġistrat.

Dr Giovanni Grixti, LL.D.

Fl-atti ta' Mandat ta' Inibizzjoni numru 657/13 fl-ismijiet;

Joseph Grima et

vs

Herman Mifsud

Il-Bord,

Ra ir-rikors,

Jordna n-notifika tiegħu lil intimat bi żmien 24 siegħa għar-risposta u dan mingħajr ebda preġudizzju għal kull deċiżjoni li dan il-Bord rigward il-kompetenza tiegħu o meno f'atti bħal dawn.

Illum 2 ta' Mejju 2013.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, (Bord tal-Kera) illum 6 ta' Ġunju 2013.

AVV. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Civili u Tribunali

Confirmed before me under oath after I read its contents and in the presence of PL G. Bonello as witness of identity.

Warrant of Prohibitory Injunction.

Republic of Malta.

Court Warrant

To the Court Marshall

Whereas an application has been filed and there recurr all the necessary elements according to law for the undermentioned orders.

Given by the Rent Regulation Board Magistrate Dr. Giovanni Grixti, LL.D., Doctor of Laws.

Applicant: Casa Delia, Triq San Ġwann, Siġġiewi.

Respondent: 5, Triq il-Fawwara, Siġġiewi.

Execution...do...

In the Rent Regulation Board.

Magistrate.

Dr Giovanni Grixti, LL.D.

In the records of the Warrant of Prohibitory Injunction number 657/13 in the names;

Joseph Grima et

vs

Herman Mifsud.

The Board,

Having seen the application.

Orders that it be served upon the respondent who has 24 hours to file a reply and this without any prejudice to any decision of this Board regarding its comptence or not in these matters.

Today 2nd May 2013.

Registry of the Superior Courts (Rent Regulation) Board today 6th June 2013.

ADV. FRANK PORTELLI, LL.D
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

984

Billi b'digriet tat-3 ta' Ġunju 2013 fuq rikors ta' Sara Blasina proprio et nomine ippreżentat fit-28 ta' Mejju 2013, rikors numru 534/2013, din l-Onorabbli Qorti ordnat il-ftuħ u l-pubblikazzjoni tat-testmenti sigriet ta' Pietro Blasina, żewġ Luisa Pedroni, iben il-mejtin Massimiliano Blasina u Vittoria Gramegna née Gramegna, imwieled Trieste l-Italja u miet Marsaxlokk, Malta fid-19 ta' Marzu 2013 ta' 83 sena u li kellu karta tal-identità numru 0024833(A).

Il-ftuħ u l-pubblikazzjoni ta' dan it-testment għandha ssir nhar it-Tnejn, 24 ta' Ġunju 2013 fis-1.00 p.m. fl-Annexe tal-Qorti f'numru 34, Triq id-Dejqa, il-Belt Valletta fejn din il-Qorti toqgħod, b'att tan-Nutar Dottor Patricia Hall.

Reġistru tal-Qorti Ċivili Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja

Illum 6 ta' Ġunju 2013

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree of the 3rd June 2013 on an application of Sara Blasina proprio et nomine filed on the 28th May 2013, application number 534/2013 this Honorable Court ordered the opening and the publication of the secret will of Pietro Blasina, husband of Luisa Pedroni, son of the late Massimiliano Blasina and Vittoria Gramegna née Gramegna, born in Trieste Italy and died in Marsaxlokk, Malta on the 19th March 2013 aged 83 holding identity card number 0024833(A).

The opening and publication of the will is going to be held on Monday, 24th June 2013 at 1.00 p.m. at the Annexe of the Law Courts in 34, Strait Street, Valletta by deed of Notary Doctor Patricia Hall.

Registry of the Civil Court Voluntary Jurisdiction Section

Today 6th June 2013

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrat Civil Court and Tribunals

985

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fil-5 ta' Ġunju, 2013 mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja (Maġistrat Dott. Neville Camilleri LL.D., Kumpilazzjoni numru 544/2013 fil-kawża fl-ismijiet:

Il-Pulizija
(Spettur Pierre Grech)

Kontra

Michelle Vella, 30 sena, ma taħdimx, mart Samei Anour u bint Lawrence u Catherine Degabriele, imwielda Tal-Pietà fit-8 ta' Lulju, 1982, u toqghod 4, Triq il-Ħaddiem, Marsa (K.I. 367682M)

U

Marco Belli, 32 sena, ma jaħdimx, iben Lino u Miriam née Olivari, imwieled Tal-Pietà fid-29 ta' April, 1981, u joqghod 8, Triq il-Ħaddiem, Marsa, (K.I. 224481M)

ORDNAT is-sekwestru f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali, il-flejjes u l-proprjetà mobbli kollha li huma dovuti

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 5th June, 2013 given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry – (Magistrate Dott. Neville Camilleri LL.D., Compilation number 544/2013 in the case:

The Police
(Inspector Pierre Grech)

Versus:

Michelle Vella, 30 years, unemployed, wife of Samei Anour and daughter of Lawrence and Catherine Degabriele, born in Pietà on the 8th July, 1982, and residing at 4, Triq il-Ħaddiem, Marsa (I.D. 367682M)

And

Marco Belli, 32 years, unemployed, son of Lino and Miriam née Olivari, born in Pieta' on the 29th April, 1981, and residing at 8, Triq il-Haddiem, Marsa (I.D. 224481M)

ORDERED the attachment in the hands of third parties in general all monies and other moveable property due or

lil jew imissu lil Michelle Vella u Marco Belli jew li huma proprjetà tagħhom u pprojbiethom milli jitrasferixxu jew xort'oħra jiddisponu minn xi proprjetà mobbli jew immobbli ai termini tal-Artikolu 23A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta u Artikolu 22A tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

Reġistru tal-Qrati ta' Ġurisdizzjoni Kriminali (Malta), illum 6 ta' Gunju, 2013.

DR JOHN SEYCHELL NAVARRO
DIP. HLTH SCIENCE, DIP MGMT STUD., DIP. NOT. PUB., LL.B., LL,D
Assistent Reġistratur
Qrati u Tribunali Kriminali(Malta)

pertaining or belonging to Michelle Vella and Marco Belli and prohibits the said accused from transferring or otherwise disposing of any moveable or immovable property and this according to Section 23A of the Criminal Code, Chapter 9 of the Laws of Malta and Article 22A of Cap. 101 of the Laws of Malta.

Registry of the Courts of Criminal Judicature (Malta), today, 6th June, 2013.

DR JOHN SEYCHELL NAVARRO
DIP. HLTH SCIENCE, DIP MGMT STUD., DIP. NOT. PUB., LL.B., LL,D
Assistant Registrar
Criminal Courts and Criminal Tribunals (Malta)

986

B' digriet mogħti, fid-29 ta' Mejju, 2013, mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 183/13 AL, fl-ismijiet Mifsud Oliver vs Mifsud Johanna, ġiet ordnata is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimata, a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' rikors ippreżentat fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) fl-ismijiet Oliver Mifsud (ID 335885M) vs Johanna Mifsud (K.I. 105469M) fid-9 ta' April, 2013, ir-rikorrenti Oliver Mifsud (K.I. 335885M), ai termini tal-Artikolu 66A tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, talab lil din l-Onorabbli Qorti;

1.Tiddikjara li ż-żwieġ ikkuntrattat bejn il-partijiet nhar it-tnejn u għoxrin (22) ta' Ġunju tas-sena elf disa' mija u disgħin (1990) jiġi maħlul u ddikjarat bħala xolt u tilqa' t-talbiet l-oħra fir-rikors.

Rikorrenti: Oliver Mifsud, 30, Triq De Warsbergh, Gudja.

Intimata: Johanna Mifsud, Gardenia, Triq l-Ispanjolet, Kappara, San Ġwann.

Ir-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet Mifsud Oliver vs Mifsud Johanna, rikors numru 183/13 AL, jinsab differit għas-smigħ għas-26 ta' Ġunju 2013, fid-9.15 a.m.

Reġistru tal-Qrati Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) illum 10 ta' Ġunju, 2013.

AVV. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree given on the 29th May, 2013, by the Civil Court, (Family Section) in the records of the Sworn Application, number 183/13 AL, in the names Mifsud Oliver vs Mifsud Johanna, the following publication was ordered for the purpose of service of the respondent, in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

By means of an application filed in the Civil Court (Family Section) in the names Oliver Mifsud (I.D. 335885M) vs Johanna Mifsud (I.D. 105469M) on the 9th April, 2013, the applicant Oliver Mifsud (I.D. 335885M) in terms of Article 66A of Cap. 16 of the Laws of Malta, asked this Honourable Court;

1.To declare that the marriage contracted between the parties on the twenty second (22) of June of the year one thousand nine hundred and ninety (1990) be dissolved and declared as dissolved and uphold the other demands in the application.

Applicant: Oliver Mifsud, 30, Triq De Warsbergh, Gudja.

Respondent; Johanna Mifsud, Gardenia, Triq l-Ispanjolet, Kappara, San Ġwann.

The Sworn Application in the names Mifsud Oliver vs Mifsud Johanna, application number 183/13 AL, has been put off for hearing to the 26th June, 2013, at 9.15 a.m.

Registry of the Civil Courts (Family Section) today 10th June, 2013.

ADV. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta riċiklata — *Printed at the Government Printing Press on recycled paper*